# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Ġuramentat Numru: 33/2017 SG**

**Josephine mart Domenic Zerafa**

**vs**

**Raymond Bugeja**

**Illum it-Ħamis, 15 ta' April 2021**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Josephine Zerafa ppreżentat fil-25 ta' April 2017 li jaqra s-segwenti:

*"Illi fis-sittax (16) ta' Gunju 2014 mietet gewwa r-Rabat, Ghawdex, Mary Bugeja, mart Carmelo Bugeja, bint il-mejtin Salvu Haber u Teresa nee' Vella kopja mill-esratt mill-Att tal-Mewt hawn anness u mmarkat bhala Dok A. Illi hija rregolat is-successjoni taghha permezz ta' testament 'unica charta' maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Joanne Cauchi fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru 2011, u permezz ta' liema halliet lil zewgha Carmelo Bugeja b' titolu ta' legat l-uzufrutt generali tat-beni mobbli w immobli, prezenti u futuri u halliet bhala legat lil zewgha kwalunque flus in moneta kontanti kif ukoll kotba tal-bank;*

*Illi fl-istess testament Mary Bugeja halliet bhala prelegati liz-zewgt uliedha Josephine Zerafa mart Domenic Zerafa kull sehem u dritt spettanti lit-testarici mid-dar 'God Bless America', fi Triq it-Torri Gorgun, Xewkija, Ghawdex a limine intus ad eccezzjoni biss ta' flus, deheb etc u lil Raymond Bugejan kull sehem u dritt spettanti lit-testatrici minn porzjon diviza t'art maghrufa bhala 'Tal-Bakkari', tal-kejl ta' cirka 1101m.k. u nnominat bhala eredi universali taghha liz-zewgt uliedha, l-istess Josephine mart Domenic Zerafa u Raymond Bugeja, kopja tar-ricerki*

*testamentarji kemm pubblici u sigrieti kif ukoll kopja tat-testmetn hawn annessi u mmarkati bhala Dok B, Dok C u Dok D;*

*Illi Carmelo Bugeja, armel tal-fuq imsemmija Mary Bugeja miet fil-erbgha (4) ta' Mejju kopja mill-estratt mill-Att tal-Mewt hawn anness u mmarkat bhala Dok E. Kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji annessi u mmarkati bhala Dok F u Dok G rispettivament, Carmelo Bugeja rregola s-successjoni tieghu permezz ta' testment ippubblikat minn Nutar Dr Paul George Pisani fil-ghoxrin (20) ta' Awwissu 2015 kopja tieghu hawn annessa u mmarkata bhala Dok H;*

*Illi fit-tieni (2) artikolu t-testment tieghu tal-ghoxrin (20) ta' Awwissu 2015, Carmelo Bugeja ordna d-dizederazzjoni ta' l-attrici Josephine Zerafa ghar-raguni li skont it-testatur hija hatja ta' atti ta' mohqrija lejh ai ermini ta' l-artikoli 623(d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta'. Illi l-attrici qed tichad bil-qawwa kollha din l-allegazzjoni u allura din id-dikjarazzjoni ghandha tigi pruvata minn min jallega a tenur ta' l-artikolu 625 tal-Kap. l6 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi l-attrici ddecidiet li ma taccettax il-wirt ta' missierha imma minflok qed tipprocedi biex tiehu l-porzjon riservat skont il-Ligi u ghal dan il-ghan anke pprezentat in-nota opportuna fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja hawn annessa u mmarkata bhala Dok I u in forza ta' liema nota zammet validi u fermi d-drittijiet taghha ghal porzjon riservat skont il-ligi;*

*Illi l-attrici ma tridx tibqa aktar fi stat ta' komunjoni mal-konvenut ghal dak li jirrigwardja l-wirt ta' l-imsemmi ommha Mary Bugeja, u inoltre hija trid li tigi likwidata lilha kif dovuta mill-ligi u kif misthoqq il-porzjon riservat mill-assi ereditarji tal-imsemmi Carmelo Bugeja u dana wara li jigi dikjarat li d-disposizzjoni testametnarja maghmula minnu hija wahda nulla u inattendibli u konsegwentament l-Onorabbli Qorit thassar l-effetti taghha.*

*Jghid ghalhekk l-istess konvenut m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-*

1. *Tistabilixxi u tillikwida l-kommunjoni ta' l-akkwisti gia' esistenti bejn il-konjugi Mary u Carmelo Bugeja billi jigi dikjarat li tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li j irrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

2. *Tillikwida l-assi partikolari tal-mejta Mary Bugeja billi tiddikjara li jikkonsistu f' nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidati u f'dawk l-assi l-ohra mobbli u mmobbli li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

3. *Taqsam l-assi parlikolari tal-mejta Mary Bugeja mill-komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali li ghandhom jigu assenjati kwantu ghal nofs (1/2) lill-konvenut Raymond Bugeja u kwantu ghal nofs iehor (l/2) lill-attrici Josephine mart Domenic Zerafa;*

4. *Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun tad-divizjoni tal-wirt ta' ta' Mary Bugeja f'dik id-data, hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti bl- intervent ta' kuratur nominandi li jinhatar sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;*

5. *Fin-nuqqas u f'każ li jirriżulta illi l-beni m'humiex kommodament diviżibbli bejn l-kontendenti, tordna licitazzjoni tal-istess beni sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti hawn fuq;*

6. *Tiddikjara d-disposizzjoni testamentarja maghmula minn Carmelo Bugeja tat- testment tal-ghoxrin (20) ta' Awwissu elfejn u hmistax (2015) fit-tieni (2) artikolu fejn Carmelo Bugeja ordna d-diżederazzjoni ta' l-attrici Josephine Zerafa ghar-raguni li skont t-testatur hija hatja ta' atti ta' mohqrija lejh ai termini ta' l-artikoli 623(d) tal Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta bhala nulla u inattendibbli u konsegwentement thassar l-effetti taghha;*

7. *Tillikwida l-assi partikolari tal-mejjet Carmelo Bugeja billi tiddikjara li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u f'dawk l-assi l-ohra mobbli u mmobbli li jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' din l-kawża;*

8. *Sussegwentament tillikwida s-sehem riżervat ossia l-legittima spettanti lill-attrici mill-assi ereditarji tal-imsemmi Carmelo Bugeja, kif ukoll kwalunque mghax dovut fir-rigward dan is-sehem riservat;*

9. *Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik is-sehem riżervat ossia legittima hekk likwidata;*

10. *Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' hlas tas-sehem riservat f'dik id-data, hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti bl-intervent ta' kuratur nominandi li jinhatar sabiex jinapprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l lstess att;*

11. *Fin-nuqqas u f'każ li jirriżulta illi l-porzjon riżervat ma tistax tithallas fiżikament tordna l-bejgh bis-subbasta ta' l-istess beni sabiex mir-rikavat tkun tista tithallas is- sehem riservat ossia legittima favur l-atturi mill-wirt u successjoni ta' Carmelo Bugeja fil-gurnata, hin u lok li jigu ordnati kif ukoll bin-nomina ta' kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra ufficjali ta' nhar il-tmienja (8) ta' Novembru 2016 kontra l-konvenut li huwa minn issa mharrek ghas-subizzjoni kif ukoll bl-imghaxijiet dekorribli skont il-ligi.*

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Raymond Bugeja ppreżentata fis-26 ta' Ġunju 2017 fejn ġie eċċepit:

*" 1. Illi preliminarjament, l-ewwel hames talbiet attrici huma intempestivi stante li l-esponenti qatt ma gie interpellat sabiex jersaq ghad-diviżjoni tal-assi ereditarji ta' Mary Bugeja, iżda l-attrici pprosegwiet minnufih permezz tal-kawża odjerna;*

*2. Illi l-esponenti ma jopponix u qatt ma oppona ghat-talba attrici ghad-diviżjoni ta' l-assi ereditarji ta' Mary Bugeja u kwindi ma ghandu jhallas l-ebda parti mill-ispejjeż ta' din il-kwża, purche' jigu osservati u eżegwiti d-disposizzjonijiet testamentarji kollha taghha, specjalment il-legati kollha ordnati minnha, kif ukoll illi ssir il-konsistenża kollha tal-assi ereditarji inkluż ukoll kull sehem spettanti lil Mary Bugeja mill-wirt u seccessjoni tal-genituri taghha;*

*3. Illi f'dan ir-rigward l-ewwel hames talbiet attrici ma humiex qeghdin jigu opposti stante li l-esponenti qatt u fl-ebda mument ma oppona ghal dawn it-talbiet;*

*4. Illi s-sitt talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif sejjer jigi ppruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-kawza, l-attrici Josephine Zerafa li tigi bint il-mejjet Carmelo Bugeja, kienet f'diversi okkazjonijiet hatja fil-konfront ta' missiera ghal diversi atti ta' mohqrija, u ghalhekk is-sitt talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici;*

*5. Illi konsegwentement ghalhekk is-seba', tmien, disa' ghaxar u hdax-il talba ghandhom jigu michuda wkoll;*

*6. Illi similement is-seba', tmien, disa', ghaxar u hdax-il talba huma intempestivi stante li l-esponenti qatt ma gie interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tas-sehem rizervat pretiz mill-attrici u ghalhekk m'ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;*

*7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attrici ghamlet atti di erede u ghalhekk hija prekluza milli titlob is-sehem rizervat skont il-ligi;*

*8. Illi minghajr pregudizzju, l-ghaxar u l-hdax-il talba ghandhom jigu michuda stante li mhumiex mehtieg ghall-fini ta' likwidazzjoni tas-sehem rizervat.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt."*

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat li din il-kawża ġiet differita sabiex tingħata sentenza in parte dwar is-sitt talba attriċi kif ukoll tiġi deċiża r-raba' eċċezzjoni mqajjma mill-intimat.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti quddiem din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta;

Semgħet ix-xhieda;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mid-difensuri tal-partijiet.

Rat li din il-kawża kienet differita għal sentenza in parte dwar is-sitt talba attriċi u r-raba' eċċezzjoni mqajjma mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat**

**Provi Prodotti**

In suċċint il-provi mressqa mill-partijiet huma s-segwenti:

**Raymond Bugeja** ppreżenta affidavit fejn sostna li huwa t-tifel ta' Karmnu u Maria Bugeja li kellhom żewġt itfal, lilu u lil oħtu l-attriċi f'din il-kawża. Spjega li meta ommu kienet għadha ħajja, il-ġenituri tagħhom spjegawlhom kif xtaqu li tinqasam il-proprjeta' li kellhom. Huwa qal li kien ġia' jieħu ħsieb l-art magħrufa bħala 'Tal-Bakkari' fix-Xewkija Għawdex. Fis-snin tmenin, missieru kien bena garaxx u kien hu stess li rnexxielu jottjeni l-permess relattiv fl-1995 biex jirregolarizza dan il-garaxx. Qal li kien ħallas xi Lm 1000 biex daħħal id-dawl u kien daħħal l-ilma wkoll peress li hemmhekk kien hemm permess tal-ħalib. Kompla jgħid li kien ħammel il-proprjeta, tella' il-ħitan tal-ġebel dobblu, għamel rixtellu fil-faċċata, ħammel l-art ta' taħt it-taraġ, bena taħt it-taraġ u l-veranda tal-faċċata kif ukoll għamel il-bibien tal-garaxx, u kaħħal. Dan kollu sar minn butu. Kien għalhekk li huwa ssuġġerixxa li jieħu din l-art filwaqt li oħtu tieħu d-dar bl-isem 'God Bless America' fi Triq it-Torri Gorgun, Xewkija. Sostna li oħtu kien ser imissha iktar, iżda huwa xtaq hekk sabiex kulħadd ikollu proprjeta' separata kull wieħed.

Spjega li ommu kienet għamlet it-testment għand in-Nutar Dottor Joanne Cauchi fit-23 ta' Settembru 2011. Ommu mietet fis-16 ta' Ġunju 2014 u ftit wara saret id-denunzja. Spjega li meta n-nutar qrat it-testment, missieru kien preżenti u dakinhar innota li ma kellu xejn mill-post bil-konsegwenza li nfaqa' jibki u telaq 'il barra. Spjega li dak iż-żmien kien ġia' jbati minn problemi f' saħħtu. Spjega li n-Nutar kien tathom parir li jitqabbad perit biex jaqsam il-proprjeta' bil-lest u kienu nkarigaw lil Perit Emanuel Vella. Spjega li f' Diċembru 2014, missieru kien ċempillu sabiex jiġi għaliex oħtu kienet ser tibgħatlu l-pulizija. Meta mar fejn missieru, missieru kien fi stat aġitat iżda meta kkalma, dan spjegalu li oħtu flimkien mat-tfal tagħha kienet urietu l-pjanti ppreparati mill-Perit Emanuel Vella u qaltlu li dawn kienu taħwid u tbażwir. Huwa sostna li pprova jkellem lil oħtu iżda uliedha kienu qalulha li ma kinitx tiflaħ. Spjega li r-raġel t' oħtu kien qallu li missieru miġnun għax kien beżaq lit-tifla tiegħu. Qal li t-tifla t'oħtu Marie kienet tagħtu basket bil-pilloli u qaltlu li huma ma kellhomx bżonn lin-nannu għax kienu ġia' komdi.

Kompla jgħid li din ma kinitx l-ewwel darba li missieru kien keċċa lil oħtu mid-dar. Kien hemm inċident fejn Marie kienet tefgħetlu l-mobile għal rasu u għalhekk kienet damet xhur ma' reġgħet daħlet fid-dar ta' missieru. Spjega li missieru kien ħa għalih ħafna li oħtu ma riditx tibqa' tieħu ħsieb il-pilloli tiegħu. Spjega li missieru kien beka meta sema' l-kliem li kien intqal għaliex kif qal huwa, l-post issa kienet ħaditu. Spjega li huwa kien beda jieħu ħsieb il-bżonnijiet ta' missieru u kien anke beda jorqod miegħu. Missieru kien jorqod waħdu iżda wara dan l-inċident kien ħadha wisq bi kbira. Il-problemi ta' saħħa ta' missieru aggravaw. Spjega li missieru ried li jsir kuntratt biex jiġi determinat fir-rigward tar-raba' tal-bakkari x' inhu tiegħu, x' inhu ta' bintu u x' inhu ta' ibnu. Spjega li oħtu baqgħet ma kellmitx lil missieru u huwa kien ħassha ħafna. Spjega li missieru kien mar għand l-avukat Joshua Grech sabiex tintbagħat ittra dwar proposta għal ftehim bonarju.

Spjega li kienet saret laqgħa bl-avukati rispettivi. Spjega li missieru kellu f' moħħu li japplika biex jagħmel razzett għan-nagħaġ u kien ġia' applika għall-permess fuq il-

porzjoni ndikata A u B fil-pjan ta' qasma, iżda l-permess ma kienx ħareġ u għalhekk il-perit kien issuġġerixxa li japplika fuq porzjon C1. Oħtu kienet qalet li trid il-porzjoni C1 u missieru ma xtaqx li din il-porzjoni jagħtiha lil xi ħadd minnhom. Missieru nduna li bintu kienet qed tagħmel minn kollox biex ittellfu milli jkun jista' jeżerċita d-delizzju tan-nagħaġ. Skont l-intimat, din kien ħadha bi kbira ħafna. Sostnu li saħħet missieru bdiet tnin. Sostna li saħħet missieru marret għall-agħar ħafna. Huwa kompla jispjega fid-dettal il-problemi ta' saħħa li għadda minnhom missieru u l-fatt li oħtu qatt ma kienet tmur tara lil missierha. Spjega li meta saħħet missieru ddgħajfet, huwa ngħata parir li jieħdu l-isptar. Dan seħħ lejn l-aħħar ta' l-2015. Huwa baqa' jżuru b' mod regolari, u kien joħorġu nhar ta' Ħadd u darbtejn fil-ġimgħa. Sostna li oħtu kellha żewġt idjar fejn setgħet tgħin u ddur b' missierha, mentri huwa kien jgħix ma' missier martu li kienu wkoll jieħdu ħsiebu. Sostna li huwa kien jeħodlu wkoll l-ikel. Huwa għamel dan kollu minn qalbu.

Spjega li kien biss fl-aħħar xhur ta' ħajjet missieru, li oħtu żaret lil missieru. Missieru kien qal 'tal-miljuni ġiet'. Sostna li din il-biċċa ta' l-art tal-Bakkari kien ħadha bi kbira tant li f' Awwissu 2015, kien waħħalha f' rasu li jibdel it-testment. Sostna li fil-fatt dan it-testment kien sar id-dar wara li ġie ċertifikat li kien kapaċi mentalment li jagħmel tali testment. Ix-xhud kien ċertu Sidoru Spiteri li joqgħod maġenbhom. Qal li wara li għamel it-testment, missieru kien qal li issa kien strieħ. Spjega li missieru miet fl-4 ta' Mejju 2016 u oħtu bagħtet ittra biex huwa jirritorna l-oġġetti li kien hemm neqsin mid-dar.

**Carmelo Cauchi** xehed li huwa mix-Xewkija u huwa pensjonant. Qal li Karmnu Bugeja talbu jaħliblu l-mogħża. Kien dam 4 xhur jagħmel dan. Kien imur ġol-Wilġa fil-post ta' Karmnu fix-Xewkija. Spjega li Karmnu kellu żewġt itfal u għarafhom. Qal li kien imur kull filgħaxija fir-razzett ta' Bugeja. Spjega li Karmnu kien ikun waħdu u mbagħad kien jiġi Raymond u iben Raymond fejnu. Huwa sostna li lil bint Karmnu qatt ma kien raha. Qal li għand Karmnu, ġieli dam madwar siegħa. Qatt ma semmielu affarijiet personali. Huwa qatt ma rraġuna mat-tifel ta' Karmnu. Spjega li saħħet Karmnu kienet ħażina u ġieli sabu jibki. Sostna li huwa qatt ma saqsieh x' kellu. Sostna li iben Karmnu kien jieħu ħsieb lil Karmnu.

In kontroeżami, huwa kkonferma li dam erba' xhur jaħleb il-mogħża. Dawn kienu qabel ma' Karmnu ġew l-isptar qabel ma' miet. Huwa qal li kien jara lil Raymond u lit-tifel tiegħu deħlin u ħerġin minn fejn Karmnu. Sostna li darba ltaqa' ma' Karmnu u bintu fuq il-vapur. Kien hemm ukoll ir-raġel ta' bint Karmnu. Sostna li dakinhar kienu qalulu li Karmnu kien sejjer l-isptar. Huwa ma jafx jekk kien hemm xi diżgwid bejn it-tfal tiegħu u Karmnu.

In rieżami, huwa spjega li ma jafx meta kien ra lil Karmnu flimkien ma' bintu fuq il-vapur.

In kontroeżami ulterjuri, huwa kkonferma li Karmnu kien fl-isptar f' tax-xjuħ qabel ma' miet.

**Mario Cauchi** xehed li huwa jaħdem bħala security ma' tal-Heritage u huwa mix-Xewkija. Huwa jaf lil Raymond għaliex jaħdem shift bħalu. Huwa kkonferma li jaf lil missier il-partijiet u dan kien ikun in-naħa tagħhom għax huwa bil-bhejjem ukoll fin-naħa ta' Ħanżira fix-Xewkija. Karmnu kien bniedem normali bħal l-ohrajn. Fl-aħħar, Karmnu kien marid sew. Sostna li dan kellu cancer u kien ibati minn ħafna affarijiet. Spjega li ġieli tela' jaħdem minflok Raymond għax Raymond kien ikollu jieħu lil missieru l-isptar. Ġieli wkoll tela' filgħodu kmieni sabiex Raymond ikun jista' jieħu lil missieru l-isptar Malta. Qal li kienu jirranġaw bejniethom. Sostna li dawn l-arranġamenti kienu saru fuq perijodu ta' erba jew ħames xhur, meta Raymond kien jieħu ħsieb lil missieru.

Spjega li Raymond kien jieħu ħsieb lil missieru, isajjarlu, jitimgħu u joħroġ idawwru. Qal li Raymond kien għamel l-aħħar sena jieħu ħsieb lil missieru. Sostna li jaf dan kollu għax kien jgħidlu Raymond. Qal li ġieli ra lil Raymond u missieru fit-tiġrija taż-żwiemel għax Karmnu kien dilettant taż-żwiemel. Sostna li lil Josephine Zerafa qatt ma raha. Karmnu Bugeja kien ikellmu dwar il-bhejjem. L-aħħar li rah kien meta kien f' tax-xjuħ. Sostna li Karmnu kien bniedem marid u kellu catheter.

In kontroeżami, huwa spjega li ġieli kien ikun xogħol Raymond u kien jinqalalu xi ħaġa missieru u kien jitolbu biex jidħol minfloku jew jibdlu. Sostna li Raymond ma kienx ser jidħak bih. Sostna li huwa jaf li Raymond kien jieħu ħsiebu u x' tagħmel Ġuża huwa ma kienx jaf. Huwa ma jafx kemm kien ilu marid Karmnu. Qal li Karmnu miet l-isptar.

**Carmel Portelli** xehed li huwa min-Nadur u huwa bil-bhejjem. Qal li kien jinnegozzja fil-bhejjem (nagħaġ u mogħoż) ma' Karmnu. Sostna li huwa ilu jaf lil Karmnu madwar għaxar snin ilu. Karmnu kien ikbar minnu. Sostna li Karmnu kien jiġi fejnu meta kien f' saħħtu. Sostna li Karmnu kien jiġi fejn il-bhejjem tiegħu fir-razzett fi Triq il-Qortin Nadur. Spjega li mbagħad x' ħin marad, ġieli ġabu ibnu Raymond jew it-tifel ta' Raymond. Sostna li l-hena ta' Karmnu kienet li jkun fejn il-bhejjem. Spjega li kienu jitkellmu fuq il-bhejjem. Sostna li Karmnu kien jgħidlu li Raymond kien idawwru u li Alla ħares ma kellux lil Raymond. Spjega li Karmnu kellu żewġt itfal Raymond u Ġuża. Sostna li Karmnu qatt ma semma lil Ġuża miegħu. Sostna li mbagħad Karmnu ma baqax jiġi għax ma kienx għadu jiflaħ joħroġ mill-isptar.

Ikkonferma li Karmnu kien joqgħod ix-Xewkija wara l-knisja u r-razzett kien x' imkien ieħor ix-Xewkija. Sostna li huwa ġieli kien imur sa fejnu madwar darba f' ġimgħa. Sostna li meta kien imur fejn Karmnu, dejjem kien jara lil Raymond jew lil iben Raymond.

In kontroeżami, huwa sostna li meta qal li kien imur u jara lil Raymond u lil ibnu fejn Karmnu, dan seħħ fl-aħħar xhur qabel ma' miet Karmnu. Sostna li huwa jiftakar lil Ġuża hemmhekk u kienet tagħmillu l-kafe, fiż-żmien meta kienet għadha ħajja l-mara ta' Karmnu. Sostna li huwa qatt ma mara u sab lil Karmnu u lil Ġuża biss.

Meta kienet ħajja l-mara ta' Karmnu, kien ikun hemm Ġuża u kienet tagħmillu l-kafe. Sostna li huwa kien imur filgħaxijiet fl-erba' jew fil-ħamsa. Sostna li meta Karmnu kien l-isptar u kien għadu jiflaħ joħroġ, Raymond kien jieħu lil Karmnu sa fejnu. Sostna li huwa qatt ma mar jara lil Karmnu l-isptar.

**Stephen Mamo** xehed li huwa mill-Qala u kien jaf lil Karmnu Buġeja għaliex kien jaħdimlu d-dar u anke fir-razzett tat-tiġieġ fix-Xewkija. Sostna li l-ewwel li ħaddimlu kien xi 28 sena ilu meta kien kaħħallu u bnielu d-dar fuq wara. Sostna li dan l-aħħar Karmnu kien qed jipprova jġib permess tan-nagħaġ. Sostna li kellu ż-żwiemel maġenb ir-razzett tat-tiġieġ ta' Karmnu. Sostna li Karmnu baqa' jistinka għall-permess. Sostna li l-aħħar li kellem lil Karmnu, kien mat-tifel tiegħu fir-razzett. Sostna li t-tifel kien iġib lil Karmnu hemmhekk kuljum. Ikkonferma li dan l-aħħar Karmnu ma kienx f' kundizzjoni ta' saħħa tajba.

Sostna li Karmnu kien irrabbjat ħafna għaliex hu kien qed jistinka biex iġib il-permess u kien semmielu li t-tifla tiegħu riedet dik il-biċċa li ried iġib il-permess fuqha. Qal li kien dakinhar li sar jaf li Karmnu kellu żewġt itfal. Sostna li Karmnu kien qallu li kien hemm xi raba' u riedu jaqsmu iżda bintu riedet il-biċċa tiegħu. Qal li Karmnu kien qallu li dik mhix it-tifla tiegħu. Qal li dan id-diskors intqal madwar sena u nofs ilu. Sostna li Karmnu kien bil-borża ta' l-awrina miegħu. Qal li għadu sal-ġurnata ta' llum ma jafx min hi bint Karmnu. Karmnu kien ikun mat-tifel u ġieli raħ għand it-Tepai.

In kontroeżami, huwa xehed li Raymond kien ilu jmur b' missieru għand tat-Tepai. Sostna li huwa kien jara lil Karmnu fir-razzett. Huwa spjega li Karmnu qatt ma semmielu li t-tifla kienet tieħu ħsiebu u tlestilu l-ikel u tieħdu l-isptar. Sostna li Karmnu kien qallu li rrabbjat mat-tifla. Sostna li Karmnu kien jgħidlu li alla ħares ma' sabx lil Raymond. Huwa ġieli mar fid-dar ta' Karmnu iżda lil bintu qatt ma raha hemm. Spjega li huwa dejjem għamel xogħlu u ma kienx hemm okkazzjoni fejn Karmnu kien waqqfu milli jkompli x-xogħol.

**Isodoru Spiteri** xehed li għandu 85 sena u jaf lil Karmnu Bugeja peress li kien joqgħod maġenbu. Spjega li darba Karmnu kien ġie fejnu u qallu li kellu bżonn pjaċir biex joqgħodlu xhud. Qal li kien mar ġol-garaxx ta' Karmnu u kien hemm Dr Joshua Grech u Raymond. Spjega li Dr Grech kien staqsa lil Karmnu jekk kienx ser iħalli xi ħaġa lil Ġuża u Karmnu kien wieġeb li lil Ġuża kien ħallilha biżżejjed. Spjega li kien hemm preżenti wkoll in-Nutar Pisani li kien qed jikteb. Reġa' qal li Karmnu kien qal li lil Ġuża mhux ser inħallilha xejn għaliex ħadet hemmhekk biżżejjed. Huwa sostna li ma jafx x' inhu għaddej bejn it-tfal ta' Karmnu.

In kontroeżami, huwa kkonferma li Karmnu kien qed jirreferi għal post ta' maġenb fejn joqgħod hu stess. Huwa sostna li ma ssemmewx moħqrija jew vjolenzi jew affarijiet simili. Huwa qal li huwa kien jara kemm lil Raymond u lit-tfal tiegħu u anke lil Ġuża u lit-tfal ta' Ġuża jidħlu għand Karmnu. Huwa ma jafx min kien isajjar lil Karmnu.

In rieżami, huwa kkonferma li lil Ġuża kien jaraha dieħla għand Karmnu f' kull żmien.

In kontroeżami ulterjuri, huwa sostna li qatt ma sema' li Ġuża ġġieldet ma' missierha.

**Dottor Peter Muscat** ikkonferma li jaf lil Karmnu Bugeja u kien ilu tabib tal-familja tiegħu għal l-aħħar sentejn u nofs qabel ma' miet. Sostna li Karmnu kien ibati biz-zokkor u kien fuq l-insulina. Kien ibati min-nifs u kellu cancer tal-prostata, kif ukoll kien ibati mill-qalb. Spjega li kien ingħata radiotherapry u anke chemotherapy iżda l-kanċer baqa' jikber. Kellu ħafna kumplikazzjonijiet. Huwa kien iżuru fid-dar tiegħu. Fl-aħħar sentejn, kien imur anke darbtejn fil-ġimgħa jinvistah. Qal li qabel l-aħħar sentejn u nofs, huwa kien ġieli ra lil Karmnu Bugeja l-isptar. Spjega li d-dar ta' Karmnu kienet fix-Xewkija u kien ikun hemm Raymond ma' Karmnu. Qal li jaf li Raymond kellu oħtu. Huwa dejjem lit-tifel ra ma' Karmnu. Raymond kien iċempillu biex jgħidlu jmur jinvista lil missieru. Kien iċempel matul il-ġurnata. Sosta li huwa ma jiftakarx eżatt jekk Karmnu qatt semmielu dwar affarijiet fuq it-tfal tiegħu. Sostna li kienu għamlulu wkoll molla f' qalbu.

Ikkonferma li minħabba l-kanċer, Karmnu kien jittieħed l-isptar Boffa għal kura. Qal li sa fejn jaf hu, Raymond kien jieħdu hemm għaliex huwa kien jikkomunika ma' Raymond. Huwa ma jiftakariex lill-attriċi. Ikkonferma li Karmnu kellu l-pajp tal-pipi u kien ikun hemm kumplikazzjonijiet. Huwa kien jagħmillu dak li hemm bżonn. Ikkonferma li eventwalment Karmnu ttieħed l-isptar għax it-tifel ma setax jieħu erbgħa u għoxrin siegħa minħabba li kien jaħdem. Meta Karmnu ttieħed fil-*male geriatric ward*, bħala *next of kin,* fin-notamenti ta' l-isptar ġie mniżżel Raymond Bugeja. In oltre, kien hemm iffirmat li Raymond seta' jieħdu d-dar mid-disgħa ta' filgħodu sad-disgħa ta' filgħaxija u matul dak il-ħin ikun responsabbli għalih Raymond. Din kienet dikjarazzjoni ffirmata minn Karmnu u Raymond Bugeja li tinstab fil-file mediku. Kompla jixhed li Karmnu Bugeja għamel varji operazzjonijiet fis-sena 1989, 2005 meta għamlulu l-molla f' qalbu; 2007 meta biopsy, u ġieli għamel *colonoscopies.* Fl-aħħar, kien imur kull xahrejn fl-isptar Mater Dei biex tinbdiel l-*stent.* Kien ukoll jattendi għal sezzjonijiet ta' *radiotherapy* u *chemotherapy.* Dam is-snin jeħodhom iżda mbagħad ma baqax jiflaħ għalihom fl-2015. Din id-deċiżjoni tkun ittieħdet mit-tabib b' konsultazzjoni mal-pazjent jew il-familjari tiegħu. F' dan il-każ, Dottor Sueda kien ikkonsulta ma' Raymond Bugeja. Huwa jaħseb li kien preżenti għal din il-laqgħa.

In kontroeżami, huwa sostna li ma jeskludix li l-attriċi setgħet ġiet b' Karmnu fil-clinic tiegħu. It-tabib preċedenti ta' Karmnu kien Dr Coronato Grech jew Dr Xuereb Dingli. Sostna li kien hemm mumenti li kien ikun hemm il-mara ta' Karmnu miegħu, drabi oħra t-tifla tiegħu u drabi oħra ibnu, imma dan l-aħħar ibnu biss kien ikun hemm. Ġuża mniżżla fil-file li kienet miegħu fl-2014. F' 2014 kien hemm mniżżel Raymond Bugeja u qabel kien hemm imniżżla Maria Bugeja.

**Josephine Zerafa** xehdet in subizzjoni fejn spjegat li kien biss l-aħħar disa' xhur li r-relazzjoni ma' missierha ma kinitx tajba. Għamlet disa' xhur ma tkellimx lil missierha. Ikkonfermat li saret laqgħa fl-uffiċċju ta' Dr Anton Refalo li sfaxxat. Qalet li wara din il-laqgħa, missierha kien ċemplilha xi darbtejn jew tlieta u ġieli mar ir-raġel tagħha fejnu. Minn dakinhar tal-laqgħa 'l quddiem, hija kellmitu biss meta kien iċemplilha u hi qatt ma ċemplitlu. Spjegat li missierha ried jaqsam porzjonijiet fi tlieta u d-daqsijiet ma kinux l-istess u għalhekk inqalgħet il-kwistjoni. Hija riedet tirranġa u tagħtih dik il-biċċa li ried iżda meta rathom mhux indaqs, inqala' l-inkwiet. Sostniet li fuq għajnejha rathom differenti fil-kobor u meta staqsietu dwar hekk, kien spara. Ikkonfermat li hija qed toqgħod fil-post fejn kien joqgħod missierha u li l-proprjeta' kienet fuq ommha. Sostniet li l-għamara hemm affarijiet neqsin li ttieħdu u hemm affarijiet li għadhom hemm u li qed tagħmel użu minnhom.

L-attriċi ppreżentat affidavit fejn spjegat li hija kienet isservi lil ġenituri tagħha. Ommha kienet marida u meta l-marda tagħha aggravat hija kienet tieħu ħsieb l-affarijiet kollha tagħhom , bħal pilloli, u bżonnijiet ta' kuljum bħal tisjir u xiri u tindif. Qalet li kienet teħodhom l-isptar ukoll. Wara l-mewt ta' ommha f' Ġunju 2014, hija baqgħet tagħmel l-istess ma' missierha. Kienet tgħidlu jmur jiekol magħhom id-dar u mbagħad kienet bdiet teħodlu l-ikel id-dar. Kienet tieħu ħsieb il-mediċina, il-ħwejjeġ u l-affarijiet l-oħra. Kienet ukoll tieħu ħsieb it-tindif tad-dar. Ġieli kienet tmur il-mara ta' Raymond tgħinnha. Sostniet li bdiet tinduna li missierha kien donnu ma baqax jagħtiha wiċċ u beda jeħodha b' herra. Darba kien uriha pjanta u qalilha li mar għand Perit biex jagħmel qasma ta' l-għelieqi. Dak il-ħin ma tatx każ. L-għada kien il-Ħadd u marret ma' uliedha jżuruh peress li l-Ħadd kien beda jsajjar Raymond lil missieru. Dakinhar staqsietu x' inhi eżatt dik il-pjanta u malli staqsitu, missierha qabad jgħajjat u keċċiha 'l barra. Hija ħaditha ħafna bi kbira u qagħdet tibki fis-sodda. Ħuha kien ġie jkellimha d-dar iżda hi ma felħitx tkellmu. Damet tlett ijiem bir-rogħda fis-sodda.

Qalet li ħuha Raymond kien ikkuntattjahom sabiex jagħtuh l-affarijiet u d-dokumenti kollha relatati mas-saħħa ta' missierha. Bintha kienet tathom lil Raymond għaliex hija kienet għadha fis-sodda. Raymond kien qal lil bintha Marie biex jirranġaw u li hi taċċetta li offra missierha iżda Marie kienet qaltlu li ommha kienet għadha ma tiflaħx b' dak li għamel in-nannu. Kompliet tgħid li stenniet li missierha jgħaddilu u jkellimha, iżda tlett ijiem biss wara, missierha bagħtilha ittra bl-avukat fejn allega li kien ilu jipprova jaqsam l-art u li hija ma riditx tiftiehem. Hija kellha tmur għand avukat biex tirrispondi għall-ittra. Ġranet wara saret laqgħa fl-uffiċċju ta' Dr Renata Farrugia u missierha kien assistit minn Dr Joshua Grech. Ħuha Raymond qagħad jistenna barra. Missierha kien ħareġ pjanta u ridha taċċetta li tieħu biċċa minnha. Kienu ser jaslu f' kompromess fejn ma' biċċa art tiżdied kamra b' aċċess magħha. L-avukat kien talab li jidħol Raymond biex isaqsih xi ħaġa u malli daħal Raymond qam pandemonju u sfratta kollox. Sostna li filli kienet iddur bih u filli dar kontra tagħha. Dan kollu nqala' f' temp ta' xahar.

Spjegat li kollox baqa' kif kien u missierha kien ċemplilha xi darbtjen u tkellmu bil-kelma t-tajba. F' Settembru 2015 ċemplitilha zitha u qaltilha li missierha kien l-isptar. Hija kienet ċemplet lil missierha u staqsietu jekk ridhiex tmur. Għall-ewwel qal li ma riedx ikellimha imma mbagħad kien qalilha li jekk trid tista' tmur. Hija bdiet tmur tarah kuljum fis-sezzjoni Geriatrika u kienet teħodlu affarijiet tal-ikel tajbin għalih. Meta ma marritx iżżuru, kien imur żewġha. F' dawn ix-xhur bejn Settembru sa Mejju, missierha qatt ma semma xejn dwar l-għalqa. Missierha miet fl-4 ta' Mejju 2016. Kienet għadha kif telqet ftit sigħat qabel. Inħasdet meta rriżulta dak li kien hemm miktub fit-testment. Hija dejjem daret b' ommha u b' missierha. Lanqas qatt ma kien hemm xi rapporti l-għassa tal-pulizija dwar dawn l-allegati atti ta' moħqrija.

**Domenic Zerafa** xehed li jaqbel u jikkonferma l-affidavit ta' martu. Zied jgħid li huma kellhom relazzjoni tajba ma' Karmnu u kienu jieħduh l-isptar, jeħdulu l-ikel d-dar u ġieli ħaduh għand it-tabib. Huwa kien ħadu wkoll għand il-klinika ta' Dr Muscat fil-Munxar. Karmnu kien xeba' jistenna u kien ħadu dawra sax-Xatt sakemm jgħaddi l-ħin. Huwa kien ukoll ħadu Mater Dei f' diversi okkazzjonijiet. Għalkemm, Karmnu kellu argument ma' martu, huwa baqa' jirrispettah u kien iċempillu u jaqdih fil-bżonnijiet li kellu. Kien mar darbtjen miegħu ma' surveyor biex issir il-linja tal-qasma tal-bini ta' bejn Karmnu u r-razzett tal-mushrooms. Dan seħħ fil-perijodu li martu ma kinitx tmur għandu. Huwa jaħdem l-isptar ġenerali t' Għawdex bħala maintenance u kien imur iżuru kważi kuljum ġewwa l-isptar u ġieli hemmhekk iltaqa' ma' martu żżur lil missierha.

**Erica Zerafa** ppreżentat affidavit fejn qalet li meta kienu ħajjin in-nanniet, hija kienet kun ta' spiss għandhom u kienet ġieli torqod għandhom. Hija kienet tgħinhom fil-bżonnijiet tagħhom. Jekk kien jinqala' xi ħaġa lin-nanniet, kienu jċemplu lil familja tagħha. Kienet tieħu ħsieb il-mediċina tagħhom hi stess. Hija kienet tagħmel il-mediċina man-nanna u għalhekk meta mietet in-nanna, hija kienet taf tagħmel il-mediċina li kien jieħu n-nannu. Baqgħet tagħmilhom hi sakemm inqala' diżgwid u n-nannu keċċihom 'il barra mid-dar. Sostniet li ommha kienet ingħatat xi karti u l-għada kienu marru għand in-nannu. Ommha staqsiet lin-nannu fuq il-karti li kienet ingħatat, u n-nannu beda jgħajjat u jidgħi. Hija baqgħet tagħmillu l-pinuri tal-ġimgħa kollha u ma ndunatx x' kien qed jiġri iżda mbagħad xħin indunat, telqet tiġri għax kien aggressiv anke fil-konfront tagħha għax kien qabad flixkun tal-inbid u kien ser jitfgħu lilha. Hija sostniet li lin-nannu qatt ma kienet ratu hekk.

Qalet li hija ħaditha bi kbira u għamlet xi żmien ma tmurx għandu. Meta daħal f' tax-xjuħ, kienet marret iżżuru u ħaditlu anke ritratt biex iżżommu tifkira. Hija tiċħad li ommha qatt għamlet xi atti ta' moħqrija. Kienet tgħinu u lin-nanniet kienet tagħmlilhom l-ilma jiżfen.

**Marie Zerafa** xehdet li hija tiftakar żmien tgħix flimkien mal-familja tagħha man-nanniet. Imbagħad kienu marru joqgħodu x' imkien ieħor imma baqgħu iqattgħu ħafna ħin għand in-nanniet u jgħinuhom f' dak li jkun hemm bżonn. Meta n-nanna mardet, ommha kienet tieħu ħsieb tisjir. Hija kienet tistudja u taħdem Malta, iżda

meta kienet tkun Għawdex kienet tqatta' ħin magħhom tagħmlilhom xi qadja. Tikkonferma li ommha kienet tagħmel dak kollu li jkun hemm bżonn. Wara l-mewt tan-nanna, ommha baqgħet tagħmel kollox għan-nannu. F' okkazzjoni tal-Ħadd, hi flimkien ma' oħtha u ommha marru għand in-nannu u ommha staqsiet lin-nannu xi ħaġa dwar xi karta li kien semmielha l-ġurnata ta' qabel. F' daqqa waħda, spjegat li n-nannu beda jgħajjat, keċċihom, tefgħalhom l-affarijiet u qaleb l-mejda. Spjeat li tant beżgħu li ġrew 'il barra u n-nannu kien ħareġ barra jsabbat fuq il-karozza.

Spjegat li ommha ħassitha vera ħażin u għamlet ġranet fis-sodda tibki. Hija beżgħet ukoll. Dakinhar kien mar iz-ziju Raymond għandhom iżda ommha ma felħitx tkellmu. Raymond kien beda jfehmha fuq xi pjanta u kif qasmu u prova jikkonvinċiha biex l-affarijiet jiġu aċċettati kif qasmuwhom. Spjegat li dan kollu seħħ minn wara dahar ommha. Dak il-ħin, hija qalet li wieġbet liz-ziju Raymod li huma kienu ħaduha bi kbira għal kif kien irreaġixxa n-nannu u li ommha ma kinitx f' kundizzjoni li tieħu deċiżjonijiet. Ommha tbati minn kundizzjonijiet ta' saħħa u sitwazzjonijiet simili mhumiex tajbin għaliha. Huma ma baqgħux imorru għax bdew jibżgħu li n-nannu jkeċċihom jew li jagħmel xi storja oħra.

**Johnny Sciberras** spjega li huwa sid ir-razzet tal-faqqiegħ li hemm ġewwa triq il-Baqqari Xewkija. Fl-2014, beda jħammel l-għalqa tiegħu għax ir-razzett ma kienx mibni u fi Frar 2015 kien hemm bżonn li jkejjel il-qsami ta' fuq għax kien hemm qasma nieqsa li kien baqa' biss iż-żebgħa. Huwa kellem lis-surveyor Teddy il-Convoy u lil Perit biex jeħdulu l-kejl. Kien attenda l-perit ta' Karmnu Bugeja għax il-proprjeta' ta' Karmnu Bugeja kienet tmiss ma' tiegħu. Kien hemm preżenti Karmnu u r-raġel ta' bintu Domenic. Imbagħad saret laqgħa oħra biex jitkejjel in-naħa ta' fuq u dakinhar kien attenda Ryamond Bugeja.

In kontroeżami, huwa qal li kien kellem lil Karmnu minħabba li kien hemm bżonn li jitkejjlu l-qsami. Karmnu kien qallu li jrid ikellem lir-raġel tat-tifla u wara ftit kienu ftehmu ġurnata u għal ħabta ta' Frar 2015 saret il-laqgħa fejn kien hemm Domenic preżenti wkoll u tkejjel. It-tieni darba kien hemm Raymond Bugeja preżenti. Karmnu kien qallu li lit-tifla ma jkellimhiex imma kien ser iċemplilha. Kien ċempel lil Domenic għax Karmnu kien qal li 'l quddiem dik ir-raba' kienet ser tinqasam.

In rieżami, Sciberras reġa' kkonferma li Karmnu kien qallu dan id-diskors. Meta attenda Raymond Bugeja, Sciberras ma kienx staqsa kif ma kienx preżenti wkoll Domenic żewġ l-attriċi. It-tieni darba s-suveryor Eddie Mercieca lanqas ma kien attenda għax kien infurmah li ma kienx ser jiġi 'l hemm. Il-perit preżenti kien il-Perit Emanuel Vella. Qal it-tieni darba kellu jsib surveyor ieħor bil-kuntentizza ta' Karmnu. Meta kienu preżenti fl-ewwel okkazzjoni, Karmnu u Domenic, dawn kienu qed jitkellmu bejniethom.

**Mario Borg** spjega li fis-sena 2015 u 2016 huwa kien jaħdem bħala deputy charge nurse fil Male Geriatric Ward fl-Isptar Ġenerali t' Għawdex. Huwa kien ta' spiss jiltaqa' ma' Domenic Zerafa u martu Josephine jżuru lil missier Josephine, Karmnu

Bugeja. Ġieli kienu jkunu ma' xulxin u ġieli waħedhom. F' dawk il-ftit minuti li kien ikellimhom, huwa qatt ma ħa l-impressjoni li kien hemm xi nkwiet bejnhom u bejn Karmnu Bugeja.

**Domenico k/a Savio Bonnici** spjega li bejn 2015 u 2016 huwa kien jaħdem bħala health assistant fil-Male Geriatric Ward fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Hemmhekk ta' spiss kien jiltaqa' ma' Domenic Zerafa li jiġi kuġin tiegħu u ma' martu waqt li kienu jżuru lil Karmnu Bugeja. Huwa kien jieqaf ikellimhom u qatt ma ra għajn ħażina li kien hemm xi nkwiet bejn Josphine u Domenic ma' Karmnu Bugeja.

**Rose Vella** xehdet li hija toqgħod fl-istess triq li joqgħodu l-ġenituri ta' Josephine Zerafa u ħuha Raymond Bugeja. Hija kienet close ħafna mal-ġenituri ta' Josephine u dawn kienu dejjem jitkellmu magħha dwar kif kienu jsibu lil binthom Josephine. Fil-passat kienet tara lil Josephine għand il-ġenituri tagħha u kienet taraha dieħla bl-ikel għandhom. Milli taf, hija tiċħad li Josephine kienet taħqar lil ġenituri tagħha anzi bil-kontra għax kienet tgħinhom. Hija baqgħet tkellem lil Karmnu sakemm iddaħħal l-isptar u dan qatt ma qalilha xejn kontra Josephine. Hija perważa li li kieku verament Josephine kienet taħqar lil Karmnu, hija kienet tgħidlu. Hija taf lil Karmnu bħala bniedem serju u ma kienx persuna li ser tiddieħaq bih u żgur ma kienx sejjer jinħaqar u ma jieħux azzjoni.

**Dun Franklin Vella** xehed li huwa jokkupa l-posizzjoni ta' kappillan fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Huwa ltaqa' ma' Domenic Zerafa u Josephine Zerafa meta dawn kienu jkunu fejn Karmnu Bugeja fil-Male Geriatrics Ward.

**Ikkunsidrat**

Permezz tas-sitt talba tagħha, l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni li d-disposizzjoni testamentarja magħmula minn Carmelo Bugeja fit-testment tal-20 ta' Awissu 2015 fit-tieni artikolu fejn Carmelo Bugeja ordna d-diżederazzjoni ta' l-attriċi għar-raġuni li skont it-testatur hija ħatja ta' atti ta' moħqrija lejh ai termini ta' l-artikolu 623(d) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, hija waħda nulla u inattendibbli. L-attriċi qed titlob li din il-Qorti għandha tħassar l-effetti ta' tali disposizzjoni testamentarja.

Mill-banda l-oħra, il-konvenut sostna fir-raba' eċċezzjoni tiegħu illi s-sitt talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li kif ser jiġi ppruvat dettaljatament waqt is-smiegħ tal-kawża, Josephine Zerafa li tiġi bint il-mejjet Carmelo Bugeja, kienet f' diversi okkazzjonijiet ħatja fil-konfront ta' missierha għal diversi atti ta' moħqrija, u għalhekk is-sitt talba għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

**Prinċipji legali applikabbli**

Din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal mill-Prim' Awla fl-24 ta' Ottubru, 2013 fl-ismijiet **<u>Caroline sive Carol Mackay (ID 43180(M) personalment u Carol Mackay (ID 43180(M) u Susan Saffrett (ID 240966 (M) għan-nom u in</u>**

**rappreżentanza tal-assenti oħthom Josephine sive Josline Gallagħer mart Paul Gallagher li għandha passaport Malti numru 679427 vs Joseph Aquilina u b'korrezzjoni awtorizzat b'digriet tal-24 ta' Marzu 2011 ġie sostitwit b' Dottor Michelle Tabone (138371M) fil-kwalita' tagħha ta' Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, Amministratur tal-Beni tal-Entitajiet Reliġjużi Djoċesani , għan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Providenza u bid-digriet ta' 24 t' Ottubru 2013 Suor Judith Busuttil, ID numru 749245M bħala Superjura Ġenerali u Suor Natalina Zammit ID numru 834128M bħala Ekonoma, għan-nom u fl-interess tas-Sorijiet tal-Ursolini ta' Sant Angela Mediċi ta' tas-Sliema u tal-Belt, Valletta bħala eredi universali tal-mejjet Anthony Mackay** fejn intqal:

*"L-Artikolu 623 tal-Kap.16 cioe il-Kodici Civili, jagħti ir-ragunijiet illi l-Legislatur Malti jagħraf li jiggustifikaw id-diżeredazzjoni:*

*623. "Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 630, ir-raġunijiet li għalihom dixxendent jista' jiġi diżeredat huma dawn biss li ġejjin:*

*(a) jekk id-dixxendent ikun ċaħad mingħajr raġuni lmanteniment lit-testatur;*

*(b) jekk, fil-każ li t-testatur jiġġennen, id-dixxendent jabbandunah mingħajr ma jieħu b'ebda mod ħsieb tiegħu;*

*(ċ) jekk, fil-każ li d-dixxendent seta' jeħles lit-testatur mill-ħabs, hu naqas mingħajr raġuni tajba li jagħmel dan;*

*(d) jekk id-dixxendent sawwat it-testatur, jew xort'oħra sar ħati ta' moħqrija lejh;*

*(e) jekk id-dixxendent kien ħati lejn it-testatur ta' offiża gravi;*

*(f) jekk il-persuna dixxendenti tkun tipprostitwixxi ruħha mingħajr konnivenza tat-testatur;*

*(g) f'kull każ li fih it-testatur, minħabba ż-żwieġ taddixxendent, ikun ġie, taħt id-disposizzjonijiet tal-artikoli 27 sa 29, dikjarat ħieles mill-obbligu li jagħti l-manteniment lil dak id-dixxendent"*

*L-azzjoni odjerna hija ntiża sabiex timpunja r-ragunijiet li biha t-testatur Anthony MacKay iggustifika iddiżeredazzjoni t'uliedu l-atturi.*

*Din il-Qorti eżaminat l-insenjament għaqli mogħti fissentenza in parte fl-ismijiet "Dorothy Grech mart Emanuel vs Deborah Fenech De Fremaux" deciża fit-8 ta'Frar 2006 per l-Onor Imħallef Dr. J. R. Micallef.*

*'Illi l-jedd tad-diżeredazzjoni huwa kontrollat millawtorita' ġudizzjarja biex jiġi mistħarreġ jekk kemm-il darba r-raġuni msemmija mit-testatur kinitx tiswa jew le. Testatur li jagħmel użu ħażin minn dak il-jedd jitqies bħallikieku ma eżerċitahx (App. Ċiv. 14.11.1938 fil-kawża fl-ismijiet Bartolo et vs Camilleri noe et (Kollez. Vol: XXX.i.240)*

1. *Il-gravita' tar-raġuni li dwarha testatur jista' jiddeżereda werriet għandha tkun tali li mhux kull għamil meqjus bħala offensiv mit-testatur jagħti raġuni għaddiżeredazzjoni (P.A. 20.3.1949 fil-kawża fl-ismijiet Attard Montalto vs Attard Montalto (Kollez. Vol:XXXIII.ii.357 );*

*Illi d-diżeredazzjoni hija meqjusa bħala ċirkostanza eċċezzjonali li fiha t-testatur ikun jista' jħalli barra mill-wirt tiegħu lil min, mod ieħor, huwa bil-liġi mħolli dak il-jedd. Fi kliem ieħor, f'sistema ġuridiku bħalma huwa dak Malti fejn it-testatur m'huwiex mogħti liberta' sħiħa dwar kif jiddisponi minn ġidu għal wara mewtu, id-diżeredazzjoni hija "rimedju" li jingħata littestatur dwar persuna li – kieku mhux għal raġuni serja u gravi maħsuba fil-liġi – kien ikollha jedd għalleġittima. Hija ċirkostanza li tmur kontra r-regola, u għalhekk hija mħarsa b'normi speċjali bil-għan li persuna ma titneħħiex kapriċċjożament mill-jedd li tiehu s-sehem minimu li jmissha skond il-liġi. Fuq kollox, id- diżeredazzjoni hija għamla ta' kastig li t-testatur jista' jimponi minħabba xi għamil jew omissjoni li għaliha jkun jaħti l-werriet. B'differenza miċ-ċirkostanzi fejn persuna ma jkunx jistħoqqilha tiret lit-testatur, id-diżeredazzjoni hija sanzjoni li huwa t-testatur innifsu li jagħżel li jimponiha, u hija meqjusa bħala istitut odjuż li jmissu jitneħħa (Caruana Galizia Notes on Civil Law – Law on Succession ,paġġ . 1003-4). Kemm hu hekk, fil-bidliet li saru dan l-aħħar fil-liġi tasSuċċessjoni, id-diżeredazzjoni tal-axxendenti tneħħiet, iżda l-leġislatur ma deherlux li huwa l-waqt li titneħħa wkoll dik tad-dixxendenti;*

*Illi l-liġi trid li r-raġuni tad-diżeredazzjoni tissemma espressament fit-testment u l-prova tagħha trid issir mill- persuna li tallegaha. Ir-raġuni li tissemma trid ukoll tkun waħda mir-raġunijiet imsemmijin fil-liġi f'lista li hija tassattiva u ma tippremetix tifsir b'analoġija. It-tifsir tar- raġuni tad-diżeredazzjoni għandu jkun wieħed restrittiv favur il-persuna mneħħija mill-wirt u mhux tifsir kontriha (P.A. 7.1.1936 fil-kawża fl-ismijiet Bartolo vs Bartolo et (Kollez. Vol: XXIX.ii.880 ). Iżda fejn ir-raġuni għad-diżeredazzjoni ma tissemmiex jew ma tiġix pruvata, l-persuna li tkun tneħħiet mill-wirt ikollha biss jedd għal-leġittima."*

*Illi l-interpretazzjoni tar-ragunijiet għad-diżeredazzjoni hija restrittiva favur min qiegħed jimpunja d-diżeredazzjoni u mhux favur il-volonta' tat-testatur – vide Ibid "Giovanni Bartolo vs Anthonio Bartolo et." u "Filippa Debono vs Alfred Falzon et" deciża fit-30 t'Ottubru 2003 per Onor Imħallef Dr. G. Caruana Demajo."*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża deċiża fis-16 ta' Novembru 2017 fl-ismijiet **<u>Mary Schembri, armla minn Joseph Schembri, f'isimha proprju u bħala kuratriċi ad litem f'isem bintha minuri Maria Schembri; Vincent Schembri u</u>**

**<u>Godwin Schembri u b'digriet tas-6 ta' Ġunju, 2017 Maria Schembri miżżewġa Bonavia ġiet awtorizzata tassumi l-atti f'isimha proprju stante li saret maġġorenni vs Dennis Schembri, Mary Smith u Godwin Schembri</u>** spjegat:

*"18. Huwa car, li fil-kaz odjern, id-dizeredazzjoni giet fil-fatt dikjarata mit-testatur Joseph Schembri ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fil-Kodici Civili kif jezigi l-artikolu 622 tal-Kodici Civili. Di fatti f'artikolu 2 tat-Testment tieghu ried u ordna li jigu iddizeredati uliedu kollha ghar-ragunijiet indikati fil-paragrafi (d) u (e) tal-artikolu 623 tal-Kodici Civili.*

*19. Izda huwa wkoll daqstant car ghal din il-Qorti, li t-testatur Joseph Schembri, sa fejn jirrigwarda lill-uliedu Atturi, naqas ghal kollox milli jfisser b'mod car fit-testment il-fatti li kellhom jaghtu lok ghad-diseredazzjoni kif espressi fis-sub-incizi (d) u (e) 623 tal-Kodici Civili u kif hekk ukoll jezigi lartikolu 622 tal-istess Kodici. Tabilhaqq, fit-termini ta' dan l-ahhar artikolu, id-dizeredazzjoni mhux biss kellha tkun dikjarata mit-testatur Joseph Schembri "ghal xi raguni msemmija f'dan il-Kodici" izda l-istess raguni msemmija fl-artikolu 623(d) u (e) sucitat kellha tkun ukoll "imfissra fit-testment".*

*20. Fil-kors tas-smiegh tal-kawza, il-Konvenuti provaw jaghtu spjegazzjoni ghalfejn il-mejjet provda ghad-dezeredazzjoni tal-ulied Atturi. Dan jemergi kemm mill-kontro-ezamijiet tal-Atturi u anke mix-xhieda tan-Nutar Ruben Casingena (a` fol 465 ara ukoll nota responsiva ta' sottomissjonijiet fil-punti 19 sa 24 a` fol 913 tal-process). In succint, il-Konvenuti provaw jiggustifikaw id-dizeredazzjoni peress li skonthom, l-ulied Atturi fil-kawza, abbandunaw lil missierhom billi qatt ma cemplulu u lanqas marru jarawh minn meta dahal lisptar sakemm miet.*

*21. Din il-Qorti hi tal-fehma soda, li fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 622 tal-Kap. 16, ir-raguni kellha tkun imfissra mit-testatur fit-testment u mhux mill-eredi konvenuti li fit-termini tal-artikolu 625(1) kellhom biss l-obbligu li jsostnuwa u jippruvawha.*

*22. Kif gustament sahqet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef Harding fis-sentenza Giovanni Bartolo vs Antonio Bartolo et moghtija fis-7 ta' Jannar 1936, "una volta ma hemmx ebda fatt li jammonta ghal motiv ta' dizeredazzjoni, allura d-dizeredazzjoni ta' l-attur [ommissis] ma hix sostenibili, u l-attur ghandu d-dritt ghal-legittima." (P.A. Kollez. Vol: XXIX.ii.880). Ghalhekk, b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament, li l-fatt wahdu li t-testatur jonqos milli jfisser ir-raguni ghad-dizeredazzjoni fit-termini ta' dak li jiddisponi l-artikolu 622 tal-Kodici Civili, dan jammonta ghal nuqqas serju sostantiv li ma jwassalx ghad-dezeredazzjoni kif trid il-ligi taht l-artikli sucitati.*

*23. Fir-riward tat-tieni talba Attrici, irid pero' jinghad ukoll, li jekk wiehed kellu joqghod ma' kif testwalment hija imfassla, din id-dikjarazzjoni hija fis-sens li "r-raguni ta' diseredazzjoni ma hijiex gustifikata" ghax ma gietx pruvata mill-Konvenuti*

*eredi a tenur tal-artikolu 625 tal-Kodici Civili (ara nota ta' sottomissjonijiet a fol 899) u mhux ghax it-testatur naqas milli jsemmi r-raguni li ghaliha ddizereda lil uliedu skont kif jesprimi l-artikolu 622 tal-Kap.16.*

*24. Ghalhekk, anke f'dan ir-rigward, fit-termini ta' kif inhi arginata t-tieni talba tal-Atturi, kieku kellha issir indagini dwar jekk ir-raguni ghad-dizeredizzjoni, kif moghtija mill-Konvenuti eredi biex jiggustifikawha, gietx sodisfacentement provata minnhom fit-termini tal-artikolu 625(1), din il-Qorti, minghajr esitazzjoni tikkonkludi li ma kienx hemm ragunijiet gusti.*

*25. Kif gie stabbilit mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza Dorothy Grech vs Deborah Fenech De Fremaux datata 8 ta' Frar 2006:-*

*"... ... l-jedd tad-dizeredazzjoni huwa kontrollat mill-awtorita' gudizzjarja biex jigi mistharreg jekk kemm-il darba r-raguni msemmija mit-testatur kinitx tiswa jew le. Testatur li jaghmel uzu hazin minn dak il-jedd jitqies bhallikieku ma ezercitahx (App. Civ. 14.11.1938 fil-kawza fl-ismijiet* Bartolo et vs Camilleri noe et *(Kollez. Vol:XXX.i.240). Il-gravita' tar-raguni li dwarha testatur jista' jiddezereda werriet ghandha tkun tali li mhux kull ghamil meqjus bhala offensiv mit-testatur jaghti raguni ghad-dizeredazzjoni (P.A. 20.3.1949 filkawza fl-ismijiet Attard Montalto vs Attard Montalto (Kollez. Vol:XXXIII.ii.357);*

*Illi d-dizeredazzjoni hija meqjusa bhala cirkostanza eccezzjonali li fiha t-testatur ikun jista' jhalli barra mill-wirt tieghu lil min, mod iehor, huwa bil-ligi mholli dak il-jedd. Fi kliem iehor, f'sistema guridiku bhalma huwa dak Malti fejn it-testatur m'huwiex moghti liberta' shiha dwar kif jiddisponi minn gidu ghal wara mewtu, id-dizeredazzjoni hija "rimedju" li jinghata lit-testatur dwar persuna li – kieku mhux ghal raguni serja u gravi mahsuba fil-ligi (Raguni serja u gravi bizzejjed li tista' ccahhad il-jedd tal-manteniment skond l-artikolu 32 tal-Kap 16 ) – kien ikollha jedd ghal-legittima. Hija cirkostanza li tmur kontra r-regola, u ghalhekk hija mharsa b'normi spečjali bil-ghan li persuna ma titnehhiex kapriccjozament mill-jedd li tiehu s-sehem minimu li jmissha skond il-ligi. Fuq kollox, id-dizeredazzjoni hija ghamla ta' kastig li t-testatur jista' jimponi minhabba xi ghamil jew omissjoni li ghaliha jkun jahti l-werriet.*

*B'differenza mic-cirkostanzi fejn persuna ma jkunx jisthoqqilha tiret lit-testatur (Ara l-art. 605(1) tal-Kap 16), id-dizeredazzjoni hija sanzjoni li huwa t-testatur innifsu li jaghzel li jimponiha, u hija meqjusa bhala istitut odjuz li jmissu jitnehha (Caruana Galizia Notes on Civil Law – Law on Succession ,pagg. 1003-4). Kemm hu hekk, fil-bidliet li saru dan l-ahhar fil-ligi tas-Successjoni, id-dizeredazzjoni tal-axxendenti tnehhiet (L-artikolu 624 tal-Kodici Civili thassar bl-art. 65 tal-Att XVIII tal-2004), izda l-legislatur ma deherlux li huwa l-waqt li titnehha wkoll dik tad-dixxendenti;*

*Illi l-ligi trid li r-raguni tad-diżeredazzjoni tissemma espressament fit-testment (Art. 622 tal-Kap 16) u l-prova taghha trid issir mill-persuna li tallegaha (Art. 625(1) tal-Kap 16). Ir-raguni li tissemma trid ukoll tkun wahda mir-ragunijiet imsemmijin fil-ligi f'lista li hija tassattiva u ma tippremetix tifsir b'analogija. It-tifsir tar-raguni tad-diżeredazzjoni ghandu jkun wiehed restrittiv favur ilpersuna mnehhija mill-wirt u mhux tifsir kontriha (P.A. 7.1.1936 fil-kawża fl-ismijiet Bartolo vs Bartolo et (Kollez. Vol: XXIX.ii.880)). Iżda fejn ir-raguni ghad-diżeredazzjoni ma tissemmiex jew ma tigix pruvata, l-persuna li tkun tnehhiet mill-wirt ikollha biss jedd ghal-legittima (Art. 629 tal-Kap 16). Dan huwa sewwasew dak li qeghda titlob l-attriċi fl-azzjoni taghha;"*

*26. It-tifsira moghtija mill-Konvenuti ghad-diżeredazzjoni taht is-subinciżi (d) u (e) tal-artikolu 623 dikjarata mit-testatur hija dik ta' abbandun tad-decuius minn uliedu billi qatt ma cemplulu u lanqas marru jarawh min mindu ddahhal l-isptar sakemm miet, liema fatt ma giex ikkontestat mill-Atturi.*

*27. Fir-rigward ta' "mohqrija" u "offiża gravi" fil-konfront tat-testatur ai termini tal-artikolu 623(d) u (e), gie sottomess mill-Imhallef Gouder fis-sentenza Maria Salvina dei Baroni Attard Montalto -vs- Tabib Dr. Angelo dei Baroni Attard Montalto (Qorti Civili Prim' Awla Kollez. Vol. XXXIII P II p 357) li "il-kondotta hażina tat-tifel jew dixxendent iehor tista tkun tikkonsisti fl-atti ta' krudelta abitwali jew f'atti tali li t-tifel jew dixxendent iehor, jaghmel apposta biex jinki, u b'hekk iwegga l-qalb tal-genituri jew axxendenti ohra, jew f'atti li bihom inaqqas l-istima u r-reputazzjoni ta' laxxendent; imma f'dawn il-każijiet mhix il-kattiva kondotta li taghti lok ghad-diżeredazzjoni, imma l-mohqrija kontemplata fl-ittra (d) tac-citat art. 660 (illum art. 623) tal-Kodici Civili fl-ewwel każ, u fit-tieni każ l-ingurja kontemplata fl-ittra (e) tal-istess artikolu".*

*28. Din il-Qorti ghalhekk, trid teżamina l-motivazzjonijiet tal-Atturi ulied, wara n-nuqqas taghhom li jaghmlu kuntatt ma' missierhom. Hekk tkun tista' tikkonkludi jekk dan l-agir jammontax ghal "mohqrija" u/jew "offiża gravi" fil-konfront tat-testatur fit-termini tal-artikolu 623(d) u (e).*

*29. Din il-Qorti temmen, bhall-Konvenuti (ara punt 19 tan-nota ta' sottomissjonijiet a` fol 913), li x-xhieda ta' Vincent Schembri hija l-iktar wahda veritiera minn fost l-ahwa ulied id-decuius, fir-rigward ta' jekk kienux konsapevoli li missierhom kien marid gravi l-isptar. Il-Qorti tikkonkludi li l-ahwa kienu jafu li missierhom kien qieghed l-isptar (ara xhieda ta' Connie Ciantar a` fol 731).*

*30. In-nuqqas minn naha tad-dixxendenti li jżuru lil missierhom meta kienu jafu li qieghed l-isptar, ma tistax titqies bhala kondotta tajba u jekk mhux ukoll censurabbli. Iżda minkejja dan, din il-Qorti ma tarax li din il-kondotta hija tali li tista' tissarraf f"mohqrija" u /jew "offiża gravi" fit-termini ta' dak li jiddisponi tal-artikolu 623(d) u (e) tal-Kodici Civili.*

*31. Fuq stregwa tal-insenjament tas-sentenza appena citata, din il-Qorti hija moralment konvinta, li n-nuqqas tal-ulied li jzuru lil missierhom ma sarx "apposta biex jink[u], u b'hekk iwegg[ghu] l-qalb" tieghu jew biex inaqsulu "l-stima u r-reputazzjoni" izda, kif jistqarr Vincent Schembri fix-xhieda tieghu stess (a` fol 587, 601 u 602), dan kien frott tar-rimors ghal mod kif kien gab ruhu maghhom missierhom (ara affidavits a` fol 85, 96 u 114)."*

Din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta wkoll eżaminat il-prinċipji legali applikabbli f' każijiet simili għal dak li għandha quddiemha din il-Qorti fil-kawża deċiża fit-18 ta' Jannar, 2013 fl-ismijiet **Anthony Pace Vs Frances sive Franca Camilleri u żewġha John Camilleri:**

*"Illi l-artikoli relevanti huma l-artikolu 623 tal-Kap 16 u lartikolu 625. L-artikolu 623 jistipula li :*

*Bla hsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 630, ir-ragunijiet li ghalihom dixxendent jista' jigi dizeredat huma dawn biss li gejjin:*

*(a) jekk id-dixxendent ikun cahad minghajr raguni l-manteniment lit-testatur;*

*(b) jekk, fil-kaz li t-testatur jiggennen, id-dixxendent jabbandunah minghajr ma jiehu b'ebda mod hsieb tieghu;*

*(c) jekk, fil-kaz li d-dixxendent seta' jehles lit-testatur millhabs, hu naqas minghajr raguni tajba li jaghmel dan;*

*(d) jekk id-dixxendent sawwat it-testatur, jew xort'ohra sar hati ta' mohqrija lejh;*

*(e) jekk id-dixxendent kien hati lejn it-testatur ta' offiza gravi;*

*(f) jekk il-persuna dixxendenti tkun tipprostitwixxi ruhha minghajr konnivenza tat-testatur;*

*(g) f'kull kaz li fih it-testatur, minhabba z-zwieg taddixxendent, ikun gie, taht id-disposizzjonijiet tal-artikoli 27 sa 29, dikjarat hieles mill-obbligu li jaghti l-manteniment lil dak id-dixxendent.*

*L-artikolu 625(1) jiddisponi li r-raguni tad-dizeredazzjoni ghandha tigi ppruvata minn dak li jsostni d-dizeredazzjoni.*

*Illi hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Giovanni Bartolo vs Antonio Bartolo et (Vol XXIX.II.Pg 880 deciza fis-7 ta' Jannar 1936) :*

*'Fil-Kodici taghna giet segwita r-regola tad-Dritt Giustinianeo, illi l-kawża tad-diżeredażżjoni ghandha tkun provata minghand min isostni d-diżeredażżjoni (Filippa Debono et vs Alfred Falzon et, Cit Nru: 2020/2000GCD deciża fit-30 ta' Ottubru 2003).'*

*Fl-istess deciżjoni inghad li:*

*'Illi jista' jinghad illi l-interpretażżjoni ghandha tkun restrittiva kontra min irid iwaqqa' d-diżeredażżjoni ghaliex ghandha tigi rispettata l-volonta' tat-testatur. Il-verita' hija illi l-interpretażżjoni ghandha tkun restrittiva favur, u mhux kontra min qieghed jimpunja d-diżeredażżjoni, ghaliex iddiżeredażżjoni, kif ighid il-Merlin hija haga odjuża. Il-ligi, anki kontra l-volonta' tat-testatur, irriżervat il-certi persuni sehem mill-wirt ta' l-istess testatur; biex kwindi t-testatur jista' b'disposiżżjoni testamentarja jidderoga ghal-ligi, u jhassar l-effikacja tar-riżervi li l-ligi ghamlet anki f'każ ta' preteriżjoni mill-parti tat-testatur, hemm bżonn illi tkun teżisti kawża minn dawk enumerati mil-ligi u hemm bżonn li tigi sodisfacentement provata mill-eredi. Il-ligi tippermetti d-deroga ghad-disposiżżjonijiet taghha dwar il-legittima f'każi determinati; hemm bżonn kwindi li dawk il-każi jigu ppruvati'.*

*Illi mbaghad l-artikolu 629 tal-Kodici Civili 'Meta fit-testment ma tkunx imsemmija r-raguni li ghaliha wiehed ikun gie diżeredat, jew ma tigix ippruvata, iddiżeredat ghandu jedd ghas-sehem riżervat biss'.*

*Illi mis-suespost jemergi li l-artikolu 623 jipprovdi b'mod tassattiv liema huma r-ragunijiet li ghalihom persuna tista' tigi diżeredata. Tali raguni trid tkun issemmiet specifikatament fit-testment. Il-prova tad-diżeredażżjoni tinkombi fuq min isostniha. Peress li d-diżeredażżjoni hija haga odjuża l-interpretażżjoni ghandha tkun restrittiva favur min qieghed jimpunja d-diżeredażżjoni u mhux bilkontra.*

*Fil-każ in kwistjoni t-testatrici Emmanuela Pace ddikjarat bhala raguni ghad-diżeredażżjoni ta' binha li huwa kien sar hati ta' atti ta' mohqrija lejha. Il-ligi taghna ma taghtix definiżżjoni ta' x'tikkostitwixxi mohqrija. Din il-Qorti tifhem li l-agir u l-ażżjonijiet ta' persuna mixlija b'mohqrija ghandhom ikunu ntenżjonati u gravi b'mod tali li ma jistax jitqies li huma accettabbli fil-konfront ta' persuna."*

Minn din id-deċiżjoni sar appell li ġie deċiż fis-26 ta' Mejju 2017:

*18. Fil-każ odjern jirriżulta li t-testatrici strahet fuq id-dispożiżżjoni talArtikolu 623 [d] tal-Kodici Civili biex tiddiżereda lill-attur u ssemmi specikament "atti ta' mohqrija" da parti tieghu fil-konfront taghha. In vena legali u b'mod generali din il-Qorti tosserva li t-terminu "mohqrija" ghandu jigi mifhum li hu dak il-komportament uman abużiv li profondament ikun wegga' lit-testatur matul hajtu mhux biss fiżikament iżda anke psikologikament b'mod li allura jkun ta' certu gravita` li jopprimi lit-testatur sa tali grad li dan jasal sabiex jeskludi lill-wild tieghu milli jiehu mill-gid tieghu wara mewtu, anke minn dak il-porżjon li l-ligi espressament tirriżerva*

*għall-ulied. Il-moħqrija trid tkun sa tali grad li tiġġustifika l-eċċezzjoni għan-norma legali li tagħti d-dritt lill-ulied għal leġittima.*

*19. Fil-meritu din il-Qorti tosserva li f'dan il-każ tali komportament abbużiv ma jikkonfigurax. Mill-atti, u anke minn dak li rat u semgħet l-ewwel Qorti, jirriżulta li l-attur huwa bniedem vulnerabbli u kien ikollu litigji ma' ommu meta din kienet twissih biex ma jagħmilhiex ma' terzperess li dan ma kienx ta' ġid għalih. Min-naħa tiegħu l-attur kien jirreaġixxi b'mod immatur imma ma jirriżultax li kellu l-intenzjoni li jweġġa' jew jaħqar lil ommu fit-termini tal-artikolu preċitat. It-tilwim kien dak li solitament iseħħ bejn il-ġenituri u t-tfal mhux maturi meta dawn jirreżistu l-parir jew ix-xewqa tal-ġenituri tagħhom.*

*20. Rigward iż-żewġ ittri illi l-konvenuti jagħmlu referenza għalihom fir-rikors tal-appell tagħhom, l-ittra uffiċjali tal-14 ta' Ottubru 2010 mibgħuta lilhom mill-attur u l-ittra legali tat-3 ta' Mejju 2007 allegatament mibgħuta lill-konvenuta Franca Camilleri u li l-konvenuti jirreferu għaliha fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom fejn ġie allegat li lomm ma kenitx mentalment f'postha, jingħad is-segwenti. Fl-ewwel lok, l-aħħar ittra qatt ma ġiet esebita u għalhekk abbażi tal-prinċipju quod non est in actis non est in mundo, il-konvenuti ma jistgħux issa jilmentaw illi l-Ewwel Qorti ma ħaditx konjizzjoni ta' xi ħaġa li ma hijiex fil-process. Fit-tieni lok, dwar l-ittra uffiċjali tal-14 ta' Ottubru 2010 tosserva li din intbagħtet mill-attur wara l-mewt tat-testatriċi u għalhekk ma tistax titqies bħala prova ta' moħqrija fil-kontront tat-testatriċi. Barra minnhekk u b'emfażi din il-Qorti tosserva li il-kontenut tal-ittra, la jammonta għal moħqrija u lanqas ma huwa indikattiv ta' xi atti ta' moħqrija tal-attur versu ommu meta din kienet għadha ħajja. L-allegazzjoni tal-attur kontenuta fl-ittra uffiċjali, li ommu kienet mentalment instabbli meta għamlet it-testment, tikkostitwixxi biss allegazzjoni ta' fatt formanti parti minn bażi fattwali u legali talpretensjoni tal-attur fil-konfront tal-konvenuti sabiex dan jiehu dak li hu tiegħu bid-dritt u għalhekk, il-kontenut tal-ittra ma jikkonforta bl-ebda mod it-teżi tal-konvenuti.*

*21. Rigward in-numru ta' xhieda, elenkati mill-konvenuti fl-aggravju u li, skont huma, kellhom ikunu suffiċjenti sabiex jipprevalu fuq il-verżjoni mogħtija mill-attur, din il-Qorti tosserva li l-kejl li bih qorti ġudikanti tqis il-provi sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha, mhuwiex in-numru taxxhieda iżda l-kwalita` tax-xiehda, b'mod li xhud wieħed biss, jekk emmnut mill-Qorti li tkun semgħet il-provi viva voce, bħal fil-każ preżenti, jista' jkun biżżejjed sabiex il-Qorti leġittimament isserraħ d-deċiżjoni tagħha fuq id-depożizzjoni jew depożizzjonijiet tiegħu.*

*22. Din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti għamlet analiżi dettaljata u korretta tal-provi li kellha quddiemha u din il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u konklużjoni li waslet għaliha dik il-Qorti."*

Sentenza oħra relevanti hija dik mogħtija mill-Prim' Awla fit-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet **Filippa Debono, Rita Bongailas u George Zammit bħala kuraturi**

**ta' l-interdetta Maria Dolores Zammit versus Alfred Falzon, Joseph Falzon, Tessie Theuma, Carmen Falzon u Giorgina Axisa:**

> *"Fit-testment tat-13 t'Awissu 1990, izda, xlieha b'"mohqrija", taht l-art. 623(d) tal-Kodici Civili, u din il-mohqrija kienet in-nuqqas taghha li tmur tara lil ommha, mart it-testatur, meta kienet l-isptar bl-ahhar marda u ma marritx ghall-funeral taghha wara li mietet.*
>
> *Mix-xhieda hareg ukoll izda illi l-attrici tbati minn skizofrenija, u din il-marda ilha fuqha ghexieren ta' snin, sa minn qabel l-1982. Minhabba f'din il-marda l-attrici hija maqtugha minn dak li jigri madwarha u tbati minn allucinazzjonijiet, deluzjonijiet u apatija. F'din il-kondizzjoni mentali ma setghetx ikollha r-rieda li tonqos lil ommha jew lil missierha, u n-nuqqasijiet taghha kienu konsegwenza ta' l-apatija taghha u tal-fatt li ma kinitx tifhem x'qieghed jigri madwarha.*
>
> *Barra minn hekk, mix-xhieda hareg illi l-ilmenti tat-testatur aktar kienu kontra zewg l-attrici milli kontra l-attrici nfisha.*
>
> *Fil-fehma tal-qorti, ghalhekk, ma jistax jinghad illi l-attrici kienet hatja ta' mohqrija kontra missierha.*
>
> *Dwar x'jigri meta ma ssirx il-prova ta' raguni tajba ghal dizeredazzjoni, l-art. 629 tal-Kodici Civili jghid hekk:*
>
> *629. Meta fit-testment ma tkunx imsemmija r-raguni li ghaliha wiehed ikun gie dizeredat, jew ma tigix ippruvata, iddizeredat ghandu jedd ghal-legittima biss.*
>
> *Huwa ghalhekk illi l-attrici fil-kawza tallum qieghda titlob il-legittima."*

F' **Carmen Braddick Southgate u ħuha Joseph Scerri vs Teresa sive Tessie mart Harry Cassar u Gioacchino Scerri**, deċiża fis-7 ta' Ottubru 2015, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet:

> *"Il-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghad-dizeredazzjoni fit-testment fl-Art. 622 et seq. L-Art. 623 jelenka c-cirkostanzi meta testatur jista' jaqta' barra mill-wirt:*
>
> *"(a) jekk id-dixxendent ikun ċaħad mingħajr raġuni l-manteniment lit-testatur;*
>
> *(b) jekk, fil-każ li t-testatur jiġġennen, id-dixxendent jabbandunah mingħajr ma jieħu b'ebda mod ħsieb tiegħu;*
>
> *(ċ) jekk, fil-każ li d-dixxendent seta' jeħles lit-testatur mill-ħabs, hu naqas mingħajr raġuni tajba li jagħmel dan;*

*(d) jekk id-dixxendent sawwat it-testatur, jew xort'oħra sar ħati ta' moħqrija lejh;*

*(e) jekk id-dixxendent kien ħati lejn it-testatur ta' offiża gravi;*

*(f) jekk il-persuna dixxendenti tkun tipprostitwixxi ruħha mingħajr konnivenza tat-testatur;*

*(g) f'kull każ li fih it-testatur, minħabba ż-żwieġ taddixxendent, ikun ġie, taħt id-disposizzjonijiet tal-artikoli 27 sa 29, dikjarat ħieles mill-obbligu li jagħti l-manteniment lil dak id-dixxendent."*

*L-Art. 625 jipprovdi inoltre illi:*

*"(1) Ir-raġuni tad-diżeredazzjoni għandha tiġi ppruvata minn dak li jsostni d-diżeredazzjoni.*

*(2) Jekk tkun issemmiet iżjed minn raġuni waħda, il-prova ta' waħda hija biżżejjed."*
*Fit-testment sigriet tal-20 ta' Novembru 1998, Carmelo Scerri iddispona hekk:*

*"Qed niddiseredita kompletament u totalment liż-żewg uliedi Carmen mart Michael Braddick Southgate u Joseph, aħwa Scerri u dana minħabba moħqrija mentali, malafama u anke talli wara l-mewt ta' ommhom ma riedu bl-ebda mod jiffirmaw id-dokumenti necessarji fil-Banek halli nista' ngawdi l-usufrutt lili mholli minn marti ta' gidha li minhabba hekk kelli noqghod nittallab il-karità minghand iż-żewg uliedi l-oħra."*

*Peress illi hawn si tratta ta' deroga mill-principju kardinali li lvolontà tat-testatur għandha tigi rispettata, kull applikazzjoni tal-kuncett għandha essenzjalment tkun restrittiva.*

*Fis-sentenza Bartolo vs Bartolo (7 ta' Jannar, 1936) gie spjegat hekk:*

*"Illi jista' jingħad illi l-interpretazzjoni għandha tkun restrittiva kontra min irid iwaqqa' d-diżeredazzjoni għaliex għandha tigi rispettata l-volontà tat-testatur. Il-verità hija illi l-interpretazzjoni għandha tkun restrittiva favur, u mhux kontra min qiegħed jimpunja d-diżeredazzjoni, għaliex iddiżeredazzjoni, kif jgħid il-Merlin hija haga odjuża. Il-ligi anke kontra l-volontà tat-testatur, irriżervat lil certi persuni sehem mill-wirt tal-istess testatur; biex kwindi t-testatur jista' b'dispożizzjoni testamentarja jidderoga għal ligi, u jħassar l-effikacja tar-riżervi li l-ligi għamlet anke f'każ ta' preterizjoni mill-parti tat-testatur, hemm bżonn li tkun teżisti kawża minn dawk enumerati mill-ligi u hemm bżonn li tgi sodisfacentement provata mill-eredi. Il-ligi tippermetti d-deroga għad-dispożizzjonijiet tagħha dwar illegittima f'kazi determinanti; hemm bżonn kwindi li dawk il-kazi jigu ppruvati."*

*Applikati dawn il-principji għall-każ in eżami, din il-Qorti tenfasizza li l-provi li kien jeħtieg li jingiebu f'din il-kawża kellhom jirreferu għall-perjodu ta' qabel ma sar it-testment. Għalkemm possibilment indikattivi ta' "pattern" ta' mgieba, avvenimenti u cirkostanzi li seħħew wara d-data tat-testment sigriet m'għandhomx waħedhom jitqiesu bħala li jsejjsu r-ragunijiet għad-diżeredazzjoni fil-każ in eżami.*

*Ir-ragunijiet li għalihom Carmelo Scerri ddiżereda lil uliedu huma moħqrija mentali, malafama u l-fatt li rrifjutaw li jagħtu l-kunsens tagħhom għall-użufrutt li kien igawdi fuq id-depożiti bankarji li ħalliet martu.*

*Din il-Qorti, għalkemm tinnota li r-relazzjonijiet familjari bejn l-atturi u l-missier u bejn l-atturi u l-konvenuti ma kienux idejali, anzi kienu spiss movimentati, ma ssibx li ngabu provi tal-moħqrija mentali li minnha lmenta t-testatur fit-testment sigriet. Il-konvenuti jenfasizzaw l-incident li nqala' meta l-partijiet kienu migbura man-Nutar Grech Trapani biex jinqara ttestment tal-omm. Għalkemm ma jirriżultax kontestat illi nqala' l-incident, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax kif in-Nutar fix-xhieda tiegħu ma jiftakrux. Din il-Qorti tifhem li kieku verament kien ta gravità daqshekk kbira, in-Nutar kien jiftakru bħala tali.*

*Lanqas ma ngabet ebda prova sodisfacenti dwar malafama. Kif spjegat fis-sentenza Attard Montalto vs Attard Montalto (20 ta' Marzu 1949 – fuq citata):*

*"…l-ingurja gravi lill-axxedenti kontemplata bħala kawża ta' diżeredazzjoni hija dik verbali jew reali, li tikkontjeni l-imputazzjoni ta' xi fatt li jippregudika l-unur ta' l-axxendent."*

*Din il-Qorti hija konvinta illi r-raguni li wasslet lil Carmelo Scerri biex jaqta' lil uliedu mill-wirt kien ir-rifjut tagħhom fir-rigward tal-użufrutt li kien wiret mingħand martu. Il-fatt innifsu huwa inkontestat....Fic-cirkostanzi il-Qorti sib li l-assjem tal-provi prodotti jwassluha għall-konkluzjoni li d-diżeredazzjoni tal-atturi da parti tal-mejjet Carmelo Scerri ma gietx pruvata skond il-ligi."*

Il-Prim' Awla fl-4 ta' Diċembru, 2006 fil-kawża fl-ismijiet **Maria Concetta Shires mart Colin, assenti, f'isimha proprio u bħala leġittima rappresentanta ta' uliedha minuri Michelle u Tristam u b'nota tal-20 ta' Ottubru, 1999 l-imsemmija Michelle u Tristam Shires assumew l-atti tal-kawża stante li saru maġġorenni vs Vincent u Joseph aħwa Bonello u Giovanna Bonello, armla ta' Edgar Bonello għal kwalunkwe interess li jista' jkollha u b'digriet tal-24 ta' Ottubru, 2002 wara l-mewt ta' Giovanna Bonello il-ġudizzju ġie trasfuż fil-persuna ta' uliedha** spjegat:

*"Din il-kawża hija dwar diseredazzjoni. Illi l-attrici Maria Concetta Shires giet disereditata fit-testment datat 6 ta' Mejju 1983. L-attrici sostniet li l-allegazzjonijiet imsemmija fit-testment huma infondati u għalhekk talbet li d-diseredazzjoni tagħha fl-istess testment hija nulla u bla effett. Fit-tieni lok, talbet li kemm-il darba*

*m'ghandhiex dritt ghal-legittima, ghandhom dritt ghaliha wliedha. Illi gie eccepit li r-ragunijiet ta' diseredazzjoni huma veri, kif ukoll, li hija m'ghandhiex dritt tirraprezenta lil uliedha, u dan ghar-rigward tat-talba taghha fil-konfront taghhom ghax m'ghandhiex ir-rapprezentanza gudizzjarja.*

*Il-Hames Artikolu tat-testment de quo jitkellem dwar id-diseredazzjoni:*

*"It-testaturi qeghdin jiddeseridaw ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi lil binthom Maria Concetta mart Colin Shires, kif provdut fl-Artikolu 659 tal-Kodici Civili ta' Malta gharraguni li din saret hatja ta' mohqrija lejn it-testaturi. Hekk, per ezempju, f'okkazjoni wahda, cirka sentejn ilu, fil-hanut tat-testatur, f'numru 216, Old Bakery Street, Valletta, limsemmija Maria Concetta Shires hebbet ghal missierha u hedditu b'oggett iebes u dan kollu gara fil-prezenza ta' wlied it-testatur, Joseph u Vincent, ahwa Bonello, billi wkoll f'diversi okkazjonijiet , l-istess Maria Concetta Shires heddet lit-testatur u fost affarijiet ohra, f'okkazjoni minnhom, fil-prezenza u fid-dar ta' Lawrence Martinelli din qalet: "lesti tlett oqbra" b'referenza specifiku ghat-testatur, oltre hafna ingurji ohra li f'din l-istess okkazjoni Maria Concetta Shires esprimiet ma' l-imsemmi Lawrence Martinelli kontra t-testatur; billi inoltre` f'okkazjoni ohra, fid-dar tat-testatur f'numru 187, Naxxar Rd, B'kara, fil-prezenza ta' certa Nazzarenu Gauci, Maria Concetta Shires hebbet bla ebda raguni u gustifikazzjoni ghal iben it-testatur Vincent Bonello u waddbitlu oggett iebes tac-ceramika (di proprjeta` tat-testatur) u kkagunatlu feriti. Xi gimghat wara dan l-incident, Colin Shires dahal fid-dar tat-testatur fuq imsemmi, u fil-prezenza taghhom hebb u sawwat lill-istess Vincent Bonello. Ukoll, ghall-habta ta' Gunju 1982, Maria Concetta Shires, fil-hanut taghha fuq indikat, qalet lit-testaturi li trid tarahom f'sodda b'marda twila u attakk f'qalbhom." (a fol 271 sa 273). Dan jinsab imnizzel ukoll fl-istralc tat-testment. (a fol 266).*

*Id-dispozizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw id-diseredazzjoni u li huma r-relevanti ghall-kaz tal-lum insibuhom fl-artikolu 623 et sequitur tal-Kodici Civili. Illi l-artikolu 623, jaghti lista ezawrjenti tar-ragunijiet li ghalihom dixxendenti jista' jigi diseredat. Issa fil-kaz in ezami jistghu jkollhom importanza issubincizi (d) u (e) ta' dan l-artikolu;*

*(d) "jekk id-dixxendent sawwat it-testatur jew xort' ohra sar hati ta' mohqrija lejh"… u*

*(e) "jekk id-dixxendent kien hati lejn it-testatur ta' offiza gravi";*

*Inolte l-artikolu 625 jiddisponi:*

*(1) Ir-raguni tad-diseredazzjoni ghandha tigi ppruvata minn dak li jsostni d-dizeredazzjoni.*

*(2) Jekk tkun issemmiet izjed minn raguni wahda, lprova ta' wahda hija bizzejjed.*

*Fit-testment de quo, l-attriċi giet mixlija b'moħqrija u offiżi gravi taħt l-artikolu 623(d) u (e) tal-Kap 16, u din ilmoħqrija u offiżi gravi huma dawk elenkati fl-artikolu 5 tattestment li gie citat hawn fuq. Hawnhekk, ta' min ighid, li l-piż tal-prova jinsab fuq min jallega r-raguni taddiseredazzjoni. (Ara Grezzju Mifsud et vs Giorgia Mifsud et deciza fl-10 ta' April 2003 mill-Prim'Awla Qorti Civili, u Filippa Debono et vs Alfred Falzon et deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003).*

*Illi jirrizulta li fil-hames artikolu tat-testment de quo kien hemm referenza ghal Lawrence Martinelli, li kien iz-ziju ta' l-attriċi, u li kien prezenti f'okkazjoni minnhom fil-prezenza u fid-dar tieghu stess. Illi fix-xhieda tieghu Martinelli qal hekk:*

*"Niftakar li snin ilu xi 9 jew 10 snin, bejn l-attriċi u zewgha u ommha kien hemm argument bejniethom, fid-dar taghhom, Naxxar Road. Birkirkara, cioe` tal-attriċi. Kien jikkoncerna fuq flus, deheb, nuqqas ta' rispett reciproku. Jiena ma rajt lil hadd jigi fl-idejn. Kien argument ferm shun u dan mhux hazin, kienet xenata u tbaqbiqa minnaha ta' missierha. Qatt ma kont prezenti ghal xi incident……Fid-dar tieghi, qatt ma nqala' xi incident…..Ghall-incident li semmejt, mort gimgha shiha biex forsi jirrangaw." (a fol 130-131).*

*F'dan il-kuntest, ta' min ighid, li l-istut tad-dizeredazzjoni fil-Kodici taghna gej mid-Dritt Ruman. Dan l-istitut li ghadu jezisti fil-Kodici taghna, gie abolit fil-Ligi Franciza u Taljana. Pisanelli, fir-ragunijiet ghall-abolizzjoni ta' dan listitut, fil-Ligi Taljana qal hekk:*

*"Ma un altro ordine di idee viene a respingere la diseredazione. Le cause principali che vi fanno luogo sono gia annoverate fra le cause d'indegnita`. Vien quindi meno in gran parte la sua giuridica importanza." (Cattaneo, Il Codice Civile Italiano Annotato, Torino 1865 p.543).*
*Il-Professur Caruna Galizia kkummenta fuq dan l-istitut; li fir-rigward ta' dan l-istitut, mhix il-ligi li qed tippenalizza lill-persuna, imma t-testatur innifsu, li jiddeciedi li jiddizonera lil xi hadd minn uliedu. (op.cit, p.1,004) Illi gie ritenut mill-gurisprudenza nostrana li*

*"Fil-Kodici taghna giet segwita r-regola tad-Dritt Giustinianeo, illi l-kawza tad-dizederazzjoni ghandha tkun provata minghand min isostni d-dizeredazzjoni." (Ara Giovanni Bartolo vs Antonio Bartolo et deciza millPrim'Awla Qorti Civili, fis-7 ta' Jannar 1936).*

*F'dan il-kaz, il-Qorti kompliet issostni;*

*"Illi jista' jinghad illi l-interpretazzjoni ghandha tkun restrittiva kontra min irid iwaqqa` d-dizeredazzjoni ghaliex ghandha tigi rispettata l-volonta` tat-testatur. Il-verita hija illi l-interpretazzjoni ghandha tkun restrittiva favur, u mhux kontra min qiehged jimpunja d-dizeredazzjoni, ghaliex iddizeredazzjoni, kif ighid il-Merlin (loco*

*citato) hija haga odjuza (page 824). Il-ligi anke kontra l-volonta` tattestatur, irrizervat lil certi persuni sehem mill-wirt ta' listess testatur; biex kwindi t-testatur jista' b'dispozzizzjoni testamentarja jidderoga ghal-ligi, u jhassar l-effikacja tarrizervi li l-ligi ghamlet anke f'kaz ta' preterizjoni mill-parti tat-testatur, hemm bzonn li tkun tezisti kawza minn dawk enumerati mil-ligi u hemm bzonn li tigi sodifacentement provata mill-eredi. Il-ligi tippermetti d-deroga ghaddispozizzjonijiet taghha dwar il-legittima f'kazi determinanti; hemm bzonn kwindi li dawk il-kazi jigu ppruvati."*

*Fl-istess kaz gie ribadit:*

*"Skond id-dritt ta' l-Imperatur Giustiniano, Novella 115, f'kaz ta' insostenibilita` tad-diseredazzjoni, l-legittimarju kellu d-dritt tal-'Querela Nullitatis ex Novo Jure' , li biha kien iwaqqa' l-istituzzjoni ta' l-eredi. Fid-Dritt Malti, llegittimarju m'ghandux dan id-dritt, imma jiehu biss illegittima."*

*Illi l-Artikolu 629 tal-Kap 16 jiddisponi:*

*"Meta fit-testment ma tkunx imsemmija r-raguni li ghaliha wiehed ikun gie dizereditat, jew ma tigix ippruvata, iddizeredat ghandu jedd ghal-legittima biss."*
*Illi ghalkemm, gie sostnut kemm fl-Artikolu 5 tat-testment, kif ukoll fix-xhieda ta' Vincent Debono, hu l-attrici, li Maria Concetta Shires, kienet hebbet ghal missierha u hedditu b'oggett iebes u bil-ponta, imiss lill-konvenut li jippruvaw dan sabiex jisthoqqilha li tkun dizereditata. Bil-kuntrarju, mix-xhieda ta' Martinelli, ma jirrizultax li kien hemm glied bl-idejn bejn l-attrici u t-testaturi, izda glied bil-kliem biss.*

*Din il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina jekk inekwivokalment hemmx il-prova li l-attrici sawwtet jew xort'ohra saret hatja ta' mohqrija, jew ikkawzat offiza gravi fuq it-testatur. Il-provi jidhru konfliggenti u ghalkemm jidher li l-attrici hebbet ghat-testatur ma hemmx prova konklusiva li fil-fatt hi sawtet jew ikkawzat offiza gravi fuq it-testatur. Zgur li t-testatur kien imwegga' bl-agir tal-attrici izda ma ma jwassalx ghall-provi sufficjenti ghal diseridazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, ma jistax jinghad illi l-attrici kienet hatja ta' mohqrija kontra l-genituri taghha."*

Ara wkoll dak li ntqal fil-kawża fl-ismijiet **Denise Galea et vs Maria Assunta Azzopardi et** deċiża fis-27 ta' Settembru 2016 deċiża minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta.

**Ikkunsidrat:**

**Evalwazzjoni fil-mertu**

B'dawn il-proċeduri, l-attriċi qed tikkontesta t-tieni artikolu tat-testment ta' Carmelo Bugeja tal-20 ta' Awwissu 2015. F' dan l-artikolu, Carmelo Bugeja ordna d-diżederazzjoni ta' l-attriċi għar-raġuni li skont it-testatur hija ħatja ta' atti ta' moħqrija

lejħ ai termini tal-artikoli 623(d) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti fliet sew il-provi miġbura fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-liġi u l-prinċipji legali fuq ċitati.

Qiset li t-tieni artikolu tat-testment ta' l-20 ta' Awwissu 2015 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani jaqra s-segwenti: *"It-testatur jiddiżereda għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi lil bintu Josephine Zerafa mart Dominic Zerafa u dana peress li saret ħatja ta' atti ta' moħqrija lejh."*

Il-Qorti wara li eżaminat ix-xhieda kollha prodotta f'dawn il-proċeduri, hi tal-fehma li ma hemm xejn li jista', anka b'mod remot, jikkwalifika bħala "moħqrija" fl-għemil tal-attriċi. In fatti, mix-xhieda prodotta, din il-Qorti hi tal-fehma li ma saritx il-prova rikjesta illi kien hemm moħqrija eżerċitata lejn il-missier Carmelo Bugeja mir-rikorrenti. La qatt saru xi rapporti mal-pulizija dwar allegati moħqrija u lanqas ma tressqu xi provi li kien hemm xi pendenzi ġudizzjarji fuq rapporti dwar moħqrija.

F' dan il-każ, it-testatur għażel li ma jisspeċifikax x' kienu dawn l-atti ta' moħqrija. Addirittura dakinhar li kien qed isir it-testment, ix-xhud li kien qiegħed preżenti biex jkun xhud fuq l-istess testment ikkonferma li meta t-testatur ġie mistoqsi hux ser iħalli xi ħaġa lil Ġuża (u ċioe' l-attriċi), it-testatur ma semmiex atti ta' moħqrija iżda sempliċiment wieġeb li Ġuża kienet ħadet id-dar biżżejjed.

L-intimat fl-affidavit tiegħu jiddeskrivi argument li seħħ bejn oħtu u missierha u li wassal li dawn ma jitkellmux u li huwa kellu jibda jieħu ħsieb lil missieru, inkluż li jieħu ħsieb il-mediċina li kien jieħu ta' kuljum. Madanakollu, l-istess konvenut ma setax jagħti dettalji dwar x' kien seħħ għaliex ma kienx preżenti. Mill-banda l-oħra, l-attriċi u uliedha spjegaw x' kien ġara. Mix-xhieda prodotta, u li kienu preżenti waqt dan l-argument, irriżulta għal kuntrarju li kien l-istess Carmelo Bugeja li aġixxa b' mod vjolenti fil-konfront ta' bintu u uliedha. Irriżulta wkoll li skont l-istess Carmelo Bugeja, ir-rikorrenti kienet ġia' ħadet ħafna in vista ta' dak li wirtet mingħand ommha. Il-Qorti tqis li anke li kieku dan l-argument ossessjona lit-testatur, xorta waħda l-istess ma jikkwalifikax bħala "moħqrija" kif kontemplat fl-Art. 623(d) tal-Kap.16.

Il-Qorti qiset ukoll li minkejja l-argument li kien seħħ bejn Carmelo Bugeja u bintu r-rikorrenti, l-istess rikorrenti kienet baqgħet iżżuru meta kien rikoverat fil-*geriatric ward* fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Dan irriżulta minn diversi xhieda prodotti mill-istess rikorrenti li raw lill-istess rikorrenti u żewġha fejn Carmelo Bugeja (Vide xhieda ta' Mario Borg, Dun Franklin Vella u Domenico Bonnici). Anke l-ġara ta' Carmelo Bugeja sostniet li lir-rikorrenti dejjem kienet taraha ġġib l-ikel lill-ġenituri tagħha. L-istess Johnny Xiberras spjega li meta kienu ser isiru qsami, Carmelo Bugeja ġie akkumpanjat minn żewġ ir-rikorrenti f' okkazzjoni minnhom.

Il-Qorti qiset li fid-disposizzjoni testamentarja ma hemmx speċifikat l-istanzi meta dan seħħ u kif seħħ. Huwa minnu li l-provi li kien jeħtieġ li jinġiebu f' din il-kawża

kellhom jirreferu għall-perijodu ta' qabel ma' sar it-testment. Ix-xhieda prodotti mir-rikorrenti li xehdu li kienu jaraw lill-attriċi u żwġha jżuru lil Carmelo Bugeja fl-isptar lkoll jirreferu għal żmien wara li sar it-testment. Madanakollu, dawn ix-xhieda huma importanti għaliex juru li tant ma kienx hemm atti ta' moħqrija mir-rikorrenti fir-rigward ta' missierha, li din xorta waħda baqgħet tmur iżżuru. Fiż-żmien preċedenti għal dan it-testment, irriżulta wkoll mix-xhieda tal-ġara Rose Vella li r-rikorrenti kienet tieħu ħsieb il-ġenituri tagħha, inkluż lil Carmelo Bugeja. Għal din il-Qorti, il-fatt li nqala' dak l-argument wieħed, ma jammontax għal xi prova li kien hemm relazzjoni ħażina bejn il-missier u l-bint u li l-bint għamlet atti ta' moħqrija versu missierha.

Xhud importanti huwa Isodoru Spiteri li kien xhud għat-testment in eżami. Dan spjega li meta Carmelo Bugeja ġie mistoqsi x'ser iħalli lil bintu, dan irrispondha li mhux ser iħallilha għax ħadet hemmhekk biżżejjed, b' referenza għad-dar. Din ix-xhieda hija ferm relevanti meta jitqies dak li xehed l-intimat fl-affidavit tiegħu fejn xehed li meta kienet qed issir id-denunzja ta' mart Carmelo Bugeja, Carmelo Bugeja kien tbikkem meta rrealizza li mid-dar ma kien baqalu xejn. Jidher għalhekk li l-intenzjoni wara din id-disposizzjoni testamentarja kienet mhux għax fir-realta' l-bint kienet b' xi mod għamlet atti ta' moħqrija versu missierha, iżda għaliex l-missier ma riedx iħalli lil bintu iktar mill-wirt peress li skont hu kienet diġa' ħadet biżżejjed wara l-mewt ta' ommha.

Fil-provi li tressqu, jissemma wkoll li Carmelo Bugeja kien ħa dan l-argument bi kbira ħafna, tant li kien bagħat ittra legali lil attriċi f' Diċembru 2014 biex bintu tersaq għal ftehim bonarju dwar il-qasma ta' beni miżmuma in komuni. Jissemma wkoll li saret laqgħa ma' l-avukati rispettivi tal-partijiet iżda din il-laqgħa spiċċat ħażin u ma ntlaħaq l-ebda ftehim. Din il-Qorti tqis li dawn l-avvenimenti ma jammontawx għal atti ta' moħqrija. Il-missier u l-bint jidher li ma ftehmux dwar kif kellha ssir il-qasma ta' l-art Ta' Bakkari iżda dan in-nuqqas ta' ftehim ma jekwivalix għall-atti ta' moħqrija da parti tar-rikorrenti versu missierha.

Dawn l-avvenimenti addirittura jkomplu jikkonfermaw li l-motivazzjoni wara din id-disposizzjoni testamentarja kienet proprju in linea ma' dak li xehed Isodoru Spiteri u ċioe' li skont it-testatur, l-attriċi kienet ħadet id-dar biżżejjed u għalhekk ma kien ser iħallilha xejn fit-testment tiegħu.

Il-Qorti hija konsapevoli mix-xhieda tat-tabib kuranti tat-testatur, iżda l-fatt li huwa qatt ma ltaqa' ma' l-attriċi ma jfissirx li l-istess attriċi kienet ħatja ta' atti ta' moħqrija versu missierha. Ix-xhieda ta' Stephen Mamo u ta' xhieda oħra li tressqu mill-intimat ma jwasslux għal xi prova li kien hemm atti ta' moħqrija magħmula minn bint it-testatur. Ix-xhud Carmelo Cauchi ma xehed xejn dwar l-attriċi iżda sempliċiment semma li kien l-intimat li kien ikun ma' missieru. Mario Cauchi u Carmel Portelli wkoll ma jixhdu xejn li b' xi mod jikkorraboraw l-allegazzjoni li l-attriċi kienet ħatja ta' moħqrija lejn missierha. Stephen Mamo jsemmi li Carmelo kien stqarr miegħu li kien irrabbjat għal bintu għaliex riedet il-biċċa ta' art f' Ta' Bakkari li ried hu. Iżda

dan semmai jkompli juri li l-intenzjoni wara din id-disposizzjoni testamentarja kienet proprju sabiex l-attriċi ma tieħu xejn iktar.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet u l-prinċipji legali esposti, il-Qorti tasal għal konkluzjoni li d-disposizzjoni testamentarja in eżami ma tissodisfax dak il-grad tal-piż tal-prova li isostni l-esistenza ta' raġuni tajba tad-diżeredazzjoni fit-termini tal-artikoli applikabbli. Dan ifisser li d-diżeredazzjoni fl-artikolu 2 tat-testment tal-20 ta' Awwissu 2015 ma hix sostenibbli fil-liġi. Fil-fehma tagħha din il-Qorti ma rraviżatx atti ta' moħqrija min-naħa ta' l-attriċi fil-konfront ta' missierha li kienu jagħtu lok għal diżeredazzjoni. Per konsegwenza, il-Qorti tagħraf illi r-raġuni għad-diżeredazzjoni indikata mit-testatur Carmelo Bugeja fit-testment tiegħu ta' l-20 ta' Awwissu 2015 ma tistax tiġi ikkonsidrata bħala raġuni tajba u siewja skond il-liġi applikabbli.

**Decide**

Għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tiċħad ir-raba' eċċezzjoni mressqa mill-intimat filwaqt li qed tilqa' s-sitt talba attriċi fis-sens li qed tiddikjara d-disposizzjoni testamentarja magħmula minn Carmelo Bugeja tat-testment tal-għoxrin (20) ta' Awwissu elfejn u ħmistax (2015) fit-tieni (2) artikolu fejn Carmelo Bugeja ordna d-diżederazzjoni ta' l-attriċi Josephine Zerafa għar-raġuni li skont it-testatur hija ħatja ta' atti ta' moħqrija lejħ ai termini tal-artikoli 623(d) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta bħala nulla u inattendiblli u konsegwentement tħassar l-effetti tagħha.

Il-Qorti tordna l-prosegwiment ta' din il-kawża.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza għandhom jiġu sopportati mill-intimat.

(ft) Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

15.04.2021 – Sup33.2017 – Zerafa Josephine vs Bugeja Raymond
12014